Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
CAMPOS SÁNCHEZ-BORDONA
ippreżentati fit-28 ta’ Mejju 2020[1]

**Kawża C-620/18**

**L-Ungerija**
**vs**
**Il-Parlament Ewropew,**

**Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

“Rikors għal annullament — Direttiva (UE) 2018/957 — Direttiva (UE) 96/71 — Kollokament ta’ ħaddiema fil-qafas ta’ provvista ta’ servizzi — Standards relatati mal-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema — Bażi legali mhux adattata — Użu ħażin ta’ poter — Restrizzjonijiet diskriminatorji, mhux meħtieġa jew sproporzjonati — Ksur tal-prinċipju ta’ libertà li jiġu pprovduti servizzi — Remunerazzjoni tal-ħaddiema kkollokati — Ħaddiema kkollokati fit-tul — Ksur tar-Regolament (KE) Nru 593/2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali — Ksur tal-prinċipji ta’ ċertezza legali u ta’ ċarezza leġiżlattiva — Azzjonijiet kollettivi tal-ħaddiema — Trasport bit-triq”

1. Prinċipalment, l-Ungerija titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja l-annullament tad-Direttiva (UE) 2018/957[2] li temenda d-Direttiva 96/71/KE[3] dwar l-istazzjonar ta’ ħaddiema fil-qafas ta’ prestazzjoni ta’ servizzi. Sussidjarjament, hija titlob l-annullament ta’ diversi dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2018/957.

## I. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Direttiva 96/71*

2. Id-Direttiva 96/71 ġiet adottata abbażi tal-Artikoli 57(2) u 66 tat-Trattat KE (li llum huma l-Artikoli 53(1) TFUE u 62 TFUE).

[1] Lingwa oriġinali: l-Ispanjol.

[2] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta’ Ġunju 2018 li temenda d-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonar ta’ ħaddiema fil-qafas ta’ prestazzjoni ta’ servizzi (ĠU 2018, L 173, p. 16, u r-rettifika fil-ĠU 2019, L 91, p. 77; iktar ’il quddiem id-“Direttiva 2018/957”).

[3] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta’ ħaddiema fil-qafas ta’ prestazzjoni ta’ servizzi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kap. 5, Vol. 2, p. 431; u r-rettifika fil-ĠU 2015, L 16, p. 66, iktar ’il quddiem id-“Direttiva 96/71”).

3. Skont l-Artikolu 3(1) tagħha, din id-direttiva kellha l-għan li tiggarantixxi lill-ħaddiema kkollokati fit-territorju tal-Istati Membri l-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg li jkopru l-kwistjonijiet previsti fih li, fl-Istat Membru fejn jitwettaq ix-xogħol, kienu rregolati minn liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi, jew minn ftehim kollettiv jew minn sentenzi ta' arbitraġġ iddikjarati universalment applikabbli.

4. Fost il-kwistjonijiet imsemmija fid-Direttiva 96/71, fl-Artikolu 3(1)(c) tagħha jinsabu r-rati minimi ta' salarju, inklużi r-rati ta' sahra.

## *B. Direttiva 2018/957*

5. Id-Direttiva 2018/957 għandha bħala bażi legali l-Artikoli 53(1) TFUE u 62 TFUE.

6. L-Artikolu 1(1)(b) tad-Direttiva 2018/957 jintroduċi dawn il-paragrafi fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 96/71:

"1. Din id-Direttiva għandha tiżgura l-protezzjoni ta' ħaddiema stazzjonati [ikkollokati] matul l-istazzjonar [il-kollokament] tagħhom fir-rigward tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, billi jiġu stipulati dispożizzjonijiet obbligatorji rigward il-kondizzjonijiet tax-xogħol u l-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema li għandhom jiġu rrispettati.

1a. Din id-Direttiva ma għandha bl-ebda mod taffettwa l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali kif rikonoxxuti fl-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni, inkluż id-dritt jew il-libertà tal-istrajk jew li jittieħdu azzjonijiet oħra koperti bis-sistemi speċifiċi ta' relazzjonijiet industrijali fl-Istati Membri, f'konformità mal-liġi u/jew il-prassi nazzjonali. Lanqas ma taffettwa d-dritt tan-negozjar, il-konklużjoni u l-infurzar ta' ftehimiet kollettivi, jew li tittieħed azzjoni kollettiva f'konformità mal-liġi u/jew il-prassi nazzjonali".

7. L-Artikolu 1(2)(a) tad-Direttiva 2018/957 jemenda l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 96/71, li jissostitwixxi b'dan it-test:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, irrispettivament minn liema liġi tkun tapplika għar-relazzjonijiet tal-impjieg, li impriżi kif imsemmi fl-Artikolu 1(1) jiggarantixxu, abbażi ta' ugwaljanza ta' trattament, lill-ħaddiema li jkunu stazzjonati [kkollokati] fit-territorju tagħhom it-termini u l-kondizzjonijiet tal-impjieg li jkopru l-kwistjonijiet li ġejjin li jkunu stipulati fl-Istat Membru fejn jitwettaq ix-xogħol:

— skont dispożizzjonijiet leġislattivi, regolamentari jew amministrattivi, […]

— skont ftehimiet kollettivi jew sentenzi ta' arbitraġġ li jkunu ġew iddikjarati applikabbli universalment jew li japplikaw mod ieħor f'konformità mal-paragrafu 8:

a) il-perijodi massimi ta' xogħol u l-perijodi minimi ta' mistrieħ;

b) it-tul minimu tal-leave annwali mħallas;

c) ir-remunerazzjoni, inkluż ir-rati ta' sahra; dan il-punt ma japplikax għal skemi ta' pensjoni okkupazzjonali tal-irtirar supplementari;

d) il-kondizzjonijiet għall-forniment ta' ħaddiema, b'mod partikolari l-forniment ta' ħaddiema minn impriżi tal-impjieg temporanju;

e) is-saħħa, is-sigurtà u l-iġjene fuq ix-xogħol;

f) miżuri protettivi dwar it-termini u l-kondizzjonijiet ta' impjieg ta' nisa tqal jew nisa li welldu reċentement, ta' tfal u ta' żgħażagħ;

g) ugwaljanza ta' trattament bejn l-irġiel u n-nisa u dispożizzjonijiet oħra dwar in-nondiskriminazzjoni;

h) il-kondizzjonijiet tal-akkomodazzjoni tal-ħaddiema fejn ipprovduti minn min iħaddem lil ħaddiema li jkunu l-bogħod mill-post tax-xogħol regolari tagħhom;

i) allowances jew rimborż ta' spejjeż biex jiġu koperti l-ispejjeż ta' vjaġġar, tal-ikel u tal-alloġġ għal ħaddiema l-bogħod mid-dar għal raġunijiet professjonali.

Il-punt (i) għandu japplika esklużivament għal spejjeż tal-ivvjaġġar, l-ikel u l-alloġġ imġarrba minn ħaddiema stazzjonati [kkollokati] fejn huma jkunu meħtieġa li jivvjaġġa lejn il-post regolari tax-xogħol tagħhom fl-Istat Membru li ġew stazzjonati fit-territorju tiegħu, u lura, jew fejn jintbagħtu temporanjament mill-impjegatur tagħhom minn dak il-post regolari tax-xogħol lejn post tax-xogħol ieħor.

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, il-kunċett ta' remunerazzjoni għandu jiġi ddeterminat mil-liġi u/jew il-prattika nazzjonali tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jiġi stazzjonat [kkollokat] il-ħaddiem u jfisser l-elementi kostitwenti kollha tar-remunerazzjoni magħmula obbligatorji permezz ta' dispożizzjonijiet leġislattivi, regolamentari jew amministrattivi, ftehimiet kollettivi jew sentenza ta' arbitraġġ nazzjonali li, f'dak l-Istat Membru, tkun ġiet iddikjarata universalment applikabbli jew tapplika mod ieħor f'konformità mal-paragrafu 8.

[...]"

8. L-Artikolu 1(2)(b) tad-Direttiva 2018/957 jinkorpora l-paragrafu 1a fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 96/71, li huwa fformulat kif ġej:

"1a. Fejn id-durata effettiva tal-stazzjonar [kollokament] taqbeż it-12-il xahar, l-Istati Membri għandhom jiżguraw, irrispettivament minn liema liġi tapplika għar-relazzjonijiet tal-impjieg, li impriżi kif imsemmi fl-Artikolu 1(1) jiggarantixxu, abbażi ta' ugwaljanza ta' trattament, lill-ħaddiema stazzjonati [kkollokati] li jkunu fit-territorju tagħhom, flimkien mat-termini u l-kondizzjonijiet tal-impjieg imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, it-termini u l-kondizzjonijiet applikabbli kollha tal-impjieg li jkunu stipulati fl-Istat Membru fejn jitwettaq ix-xogħol:

— skont dispożizzjonijiet leġislattivi, regolamentari jew amministrattivi, u/jew

— skont ftehimiet kollettivi jew sentenzi ta' arbitraġġ li jkunu ġew iddikjarati applikabbli universalment jew li japplikaw mod ieħor skont il-paragrafu 8.

L-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu ma għandux japplika għall-kwistjonijiet li ġejjin:

a) il-proċeduri, il-formalitajiet u l-kondizzjonijiet tal-konklużjoni u t-terminazzjoni tal-kuntratt ta' impjieg, inkluż klawżoli ta' nonkompetizzjoni;

b) skemi ta' pensjoni okkupazzjonali tal-irtirar supplementari.

Fejn il-fornitur ta' servizz jippreżenta notifika motivata, l-Istat Membru fejn jiġi pprovdut is-servizz għandu jestendi l-perijodu msemmi fl-ewwel subparagrafu għal 18-il xahar.

Fejn impriża kif imsemmi fl-Artikolu 1(1) tissostitwixxi ħaddiem stazzjonat [ikkollokat] b'ħaddiem stazzjonat ieħor li jwettaq l-istess xogħol fl-istess post, id-durata tal-istazzjonament [kollokament], għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, għandha tkun id-durata kumulattiva tal-perijodi ta' stazzjonament tal-ħaddiema stazzjonatib individwali kkonċernati.

Il-kunċett ta' 'l-istess xogħol fl-istess post' imsemmi fir-raba' subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandu jiġi ddeterminat filwaqt li jittieħed kont fost l-oħrajn tan-natura tas-servizz li għandu jiġi pprovdut, ix-xogħol li għandu jitwettaq u l-indirizz(i) tal-post tax-xogħol".

9. Skont l-Artikolu 1(2)(c) tad-Direttiva 2018/957, l-Artikolu 3(7) tad-Direttiva 96/71 issa huwa redatt kif ġej:

"7. Il-paragrafi 1 sa 6 m'għandhomx jipprevjenu l-applikazzjoni ta' termini u kondizzjonijiet ta' impjieg li huma aktar favorevoli għall-ħaddiema.

L-allowances speċifiċi għall-istazzjonament [kollokament] għandhom jitqiesu bħala parti mir-remunerazzjoni, sakemm ma jitħallsux bħala rimborż ta' spejjeż effettivament imġarrba minħabba l-istazzjonament, bħal spejjeż tal-ivvjaġġar, tal-ikel u tal-alloġġ. Min iħaddem jenħtieġ li, mingħajr preġudizzju għall-punt (h) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, jirrimborża lill-ħaddiema stazzjonat [kkollokati] għal tali spejjeż f'konformità mal-liġi u/jew il-prattika nazzjonali applikabbli għar-relazzjoni ta' impjieg.

Fejn it-termini u l-kondizzjonijiet ta' impjieg applikabbli għar-relazzjoni tal-impjieg ma jiddeterminawx jekk u, fil-każ li iva liema, elementi tal-allowance speċifika għall-istazzjonament [kollokament] jitħallsux bħala rimborż ta' spejjeż effettivament imġarrba minħabba l-istazzjonament jew li humiex parti mir-remunerazzjoni, allura l-allowance sħiħa għandha titqies li tkun tħallset bħala rimborż ta' spejjeż effettivament".

10. Skont l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2018/957:

"Din id-Direttiva għandha tapplika għas-settur tat-trasport bit-triq mid-data tal-applikazzjoni ta' att leġislattiv li jemenda d-Direttiva 2006/22/KE fir-rigward tar-rekwiżiti ta' infurzar u li jistabbilixxi regoli speċifiċi fir-rigward tad-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE [tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-infurzar tad-Direttiva 96/71/KE u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ('Ir-Regolament tal-IMI' (ĠU 2014, L 159, p. 11)] għall-istazzjonar tax-xufiera fil-qasam tat-trasport bit-triq".

## II. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u t-talbiet tal-partijiet

11. Il-Gvern Ungeriż jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-Direttiva 2018/957 fl-intier tagħha. Sussidjarjament, tillimita t-talbiet tagħha għall-annullament ta':

— Id-dispożizzjonijiet tal-punt 2(a) tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2018/957, li jistabbilixxu s-subparagrafu (c) u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3(1) il-ġdid tad-Direttiva 96/71.

— Id-dispożizzjonijiet tal-punt 2(b) tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2018/957 li permezz tagħhom, il-paragrafu 1a jiddaħħal fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 96/71.

— Il-punt 2(c) tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2018/957.

— L-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2018/957.

12. Il-Gvern Ungeriż jitlob ukoll li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jiġu kkundannati għall-ispejjeż.

13. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad ir-rikors u tikkundanna lill-Ungerija għall-ispejjeż.

14. Franza, il-Ġermanja il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Kummissjoni tħallew jintervjenu fil-proċedura insostenn tat-talbiet tal-Parlament u tal-Kunsill. Kollha kemm huma ressqu osservazzjonijiet bil-miktub minkejja li l-Pajjiżi l-Baxxi llimitaw lilhom infushom sabiex jappoġġjaw l-argumenti tal-Kunsill u tal-Parlament Ewropew.

15. Skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 16 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Gvern Ungeriż talab li l-kawża tiġi deċiża mill-Awla Manja.

16. Fis-seduta tat-3 ta' Marzu 2020 ħadu sehem il-Kunsill, il-Parlament, il-Kummissjoni kif ukoll il-Gvern Ungeriż, Franċiż, Ġermaniż, u dak tal-Pajjiżi l-Baxxi.

## III. Kunsiderazzjonijiet preliminari

17. Il-kollokament tal-ħaddiema[4] fil-kuntest tal-provvista ta' servizzi transnazzjonali bejn l-Istati Membri dejjem kienet kwistjoni sensittiva fi ħdan l-Unjoni Ewropea. Minkejja l-importanza ekonomika żgħira tagħhom f'termini relattivi[5], ir-regolamentazzjoni ġuridika tagħhom tat lok għal kontroversji, peress li huma involuti żewġ tipi ta' loġika opposti fir-regolamentazzjoni tagħhom:

— Minn naħa, il-loġika tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi fis-suq intern. Skont din, għandhom jiġu eliminati r-restrizzjonijiet li jipprekludu lil impriża ta' Stat Membru b'nefqa tax-xogħol baxxa milli tipproċedi għal kollokament tal-ħaddiema tagħha sabiex jipprovdu s-servizzi fi Stat Membru ieħor b'nefqa tax-xogħol ogħla. L-Istati ta' oriġini ta' dawn l-impriżi jenfasizzaw il-bżonn li tiġi ffaċilitata l-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Għal dan il-għan, dawn huma favur li l-ħaddiema temporanjament ikkollokati jkunu suġġetti għal-leġiżlazzjoni tal-Istat ta' oriġini u li jiġu applikati fil-konfront tagħhom l-inqas numru possibbli ta' regoli tal-Istat ta' destinazzjoni.

— Min-naħa l-oħra, il-loġika tal-protezzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u soċjali tal-ħaddiema temporanjament ikkollokati. L-Istati ta' destinazzjoni għandhom l-għan li dawn il-ħaddiema jkunu suġġetti għall-istess regoli ta' xogħol bħall-kumplament li jaħdmu fit-territorju tagħhom (billi jirċievu l-istess salarju għall-istess xogħol f'dan l-Istat). Għalhekk, l-impriżi li jikkollokawhom ma jkunux jistgħu jikkompetu b'mod żleali ma' dawk li jinsabu fit-territorju tagħhom u dan jevita l-hekk imsejjaħ *dumping soċjali*, filwaqt li tiġi ggarantita protezzjoni ikbar għall-ħaddiema kkollokati.

18. Id-diffikultajiet fir-regolamentazzjoni tal-kollokament transnazzjonali tal-ħaddiema jirriżultaw, fil-mertu, mill-fatt li l-Unjoni ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tarmonizza l-kundizzjonijiet tax-xogħol. Huma l-Istati Membri li għandhom din il-ġurisdizzjoni, li tirriżulta f'differenzi notevoli bejn il-kundizzjonijiet tax-xogħol u ta' salarju ta' kull wieħed minnhom[6].

4 Skont l-Artikolu 2 tad-Direttiva 96/71, "'ħaddiem stazzjonat [ikkollokat]' tfisser ħaddiem li, għall-perjodu limitat jagħmel ix-xogħol tiegħu fitterritorju ta' Stat Membru barra mill-Istat li normalment jaħdem fih."
Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, "ikun hemm kollokament tal-ħaddiema permezz tat-tqegħid għad-dispożizzjoni tagħhom, fis-sens tal-Artikolu 1(3)(c) tad-Direttiva 96/71, meta jkunu ssodisfatti tliet kundizzjonijiet. L-ewwel nett, it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-manodopera hija provvista ta' servizzi pprovduta bi ħlas li fir-rigward tagħha l-ħaddiem jibqa' impjegat mal-impriża fornitriċi, mingħajr ma jiġi konkluż ebda kuntratt ta' xogħol mal-impriża utenti. It-tieni nett, dan it-tqegħid għad-dispożizzjoni huwa kkaratterizzat mill-fatt li l-ispostament tal-ħaddiem fl-Istat Membru ospitanti jikkostitwixxi l-għan stess tal-provvista ta' servizzi mwettqa mill-impriża fornitriċi. It-tielet nett, fil-kuntest ta' tali tqegħid għad-dispożizzjoni, il-ħaddiem iwettaq l-kompiti tiegħu taħt il-kontroll u d-direzzjoni tal-impriża utenti." (sentenzi tal-14 ta' Novembru 2018, Danieli & C. Officine Meccaniche *et*, C-18/17, EU:C:2018:904, punt 27; kif ukoll tat-18 ta' Ġunju 2015, Martin Meat, C-586/13, EU:C:2015:405, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

5 Konformement mal-aħħar statistika disponibbli, fl-2017 seħħ 2.8 miljun kollokament transnazzjonali ta' ħaddiema, b'durata medja ta' inqas minn 4 xhur għal kull kollokament, li, fl-intier tiegħu, jirrappreżenta biss 0.2 % tat-total tal-impjieg fl-Unjoni. Ara De Wispelaere, F. u Pacolet, J., Posting of workers Report on A1 Portable Documents issued in 2017, HIVA-KU Leuven, Ottrubru 2018, p. 9, https://www.etk.fi/wp-content/uploads/Komissio-tilastoraportti-Posting-of-workers-2017.pdf. Madankollu mill-istatistika jirriżulta li, bejn l-2010 u l-2017, in-numru ta' ħaddiema kkollokati żdied bi 83 %. Id-distribuzzjoni ta' dawn il-ħaddiema skont is-setturi ekonomiċi hija din li ġejja: il-kostruzzjoni (46.5 %), servizzi oħrajn (26.7 %), l-industrija (25.9 %) u l-agrikoltura (0.9 %).

6 It-tendenza ġenerali hija li l-Istati li għandhom inqas spejjeż tax-xogħol *jesportaw* ħaddiema kkollokati, filwaqt li l-Istati li għandhom kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar jirċevuhom. Ara d-data ta' Bradley, H., Tugran, T., Markowska, A. u Fries-Tersch, *2018 Annual Report on intra-EU Labor Mobility*, 2019,
https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/2c170ce2-4c55-11e9-a8ed-01aa75ed71a1/language-en/format-PDF. Minn dan ir-rapport jirriżulta li l-Istati *esportaturi* huma l-Polonja, l-Ungerija jew il-Litwanja u r-*riċevituri* huma l-Ġermanja, Franza jew il-Pajjiżi l-Baxxi.

19. Il-kollokament transnazzjonali tal-ħaddiema, minbarra r-regoli tax-xogħol tal-Istati kkonċernati kif ukoll dawk dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi tal-Unjoni, huwa suġġett għar-regoli tad-dritt internazzjonali privat tal-Unjoni (dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali), għar-regoli tas-sigurtà soċjali tal-Unjoni u tal-Istati Membri kkonċernati kif ukoll għal dawk ta' natura fiskali. Dan l-issuġġettar multiplu jżid id-diffikultajiet li jiġi rregolat.

### *A. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-ħaddiema kkollokati fil-kuntest tal-provvista transnazzjonali ta' servizzi*

20. Qabel ma jiġu armonizzati l-leġiżlazzjonijiet f'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha tiddeċiedi dwar liema liġi għandha tiġi applikata għall-ħaddiema kkollokati [7]. Mingħajr dubju, din l-impożizzjoni mill-Istat ta' destinazzjoni sabiex jiġu ssodisfatti r-regoli tax-xogħol tiegħu tkun ixxekkel il-provvista tas-servizzi tagħhom lill-impriżi ta' Stati oħra li jixtiequ jkollhom dawn it-tipi ta' ħaddiema.

21. L-approċċ adottat mill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-miżuri nazzjonali f'dan il-qasam kien dak li normalment jintuża fil-qasam tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Huwa jiddetermina, l-ewwel nett, jekk ir-regola nazzjonali tagħmilx iktar diffiċli l-provvista transnazzjonali ta' servizzi bil-kollokament ta' ħaddiema u, jekk dan ikun il-każ, tużax it-test ta' proporzjonalità sabiex tibbilanċja jekk din tkunx iġġustifikata minn rekwiżit imperattiv, jiġifieri, minn motiv ta' interess ġenerali li jistħoqqlu protezzjoni.

22. Skont ġurisprudenza stabbilita, l-Artikolu 56 TFUE ma jeżiġix biss l-eliminazzjoni ta' kull diskriminazzjoni kontra l-fornitur ta' servizzi stabbilit fi Stat Membru ieħor minħabba n-nazzjonalità tiegħu, iżda wkoll it-tneħħija ta' kull restrizzjoni, anki jekk din tapplika mingħajr distinzjoni għall-fornituri nazzjonali ta' servizzi u għal dawk ta' Stati Membri oħra, meta din tkun ta' natura li tipprojbixxi, tfixkel jew tagħmel inqas attraenti l-attivitajiet tal-fornitur stabbilit fi Stat Membru ieħor [8].

23. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat bħala restrittivi l-miżuri nazzjonali li jobbligaw lill-persuna li timpjega li fl-Istat ospitanti jħallas il-kwota tas-sidien tal-kontribuzzjonijiet lis-Sigurtà Soċjali li tikkorrispondi għall-ħaddiema li huma jikkollokaw [9], jew li jħallsu l-kontribuzzjonijiet abbażi ta' "bolol ta' lealtà" u ta' "bolol għat-temp ħażin", meta jħallsu kontribuzzjonijiet simili fl-Istat ta' oriġini tagħhom [10].

7 Ara, pereżempju, is-sentenzi tas-17 ta' Diċembru 1981, Webb (279/80, EU:C:1981:314), tat-3 ta' Frar 1982, Seco u Desquenne & Giral (62/81 u 63/81, EU:C:1982:34) (iktar 'il quddiem is-"sentenza Seco u Desquenne & Giral"), u tas-27 ta' Marzu 1990, Rush Portuguesa (C-113/89, EU:C:1990:142).

8 Sentenzi tat-28 ta' Marzu 1996, Guiot (C-272/94, EU:C:1996:147, punt 10) (iktar 'il quddiem is-"sentenza Guiot"); tat-23 ta' Novembru 1999, Arblade *et* (C-369/96 u C-376/96, EU:C:1999:575, punt 33) (iktar 'il quddiem is-"sentenza Arblade *et*"), u tal-15 ta' Marzu 2001, Mazzoleni u ISA (C-165/98, EU:C:2001:162, punt 22) (iktar 'il quddiem, is-"sentenza Mazzoleni u ISA"). Iktar reċenti, ara s-sentenzi tat-12 ta' Settembru 2019, Maksimovic *et* (C-64/18, C-140/18, C-146/18 u C-148/18, EU:C:2019:723, punti 30 u 31) (iktar 'il quddiem, is-"sentenza Maksimovic *et*"), u tat-13 ta' Novembru 2018, Čepelnik (C-33/17, EU:C:2018:896, punti 37 u 38) (iktar 'il quddiem, is-"sentenza Čepelnik").

9 Sentenza Seco u Desquenne & Giral.

10 Sentenza Guiot.

24. Hija ddeċidiet ukoll li regola nazzjonali li tipprevedi, fil-kuntest tal-kollokament ta' ħaddiema, l-obbligu li jitfasslu u li jinżammu dokumenti soċjali u tax-xogħol fl-Istat Membru ospitanti jista' jwassal għal spejjeż u piżijiet amministrattivi u ekonomiċi addizzjonali għall-impriżi stabbiliti fi Stat Membru ieħor u għaldaqstant tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi [11].

25. Madankollu, il-miżuri nazzjonali restrittivi jistgħu jiġu ġġustifikati sakemm jissodisfaw raġuni imperattiva ta' interess ġenerali u sakemm: a) dan l-interess ma jkunx imħares mir-regoli li jirregolaw il-fornitur tas-servizzi fl-Istat Membru ta' stabbiliment; u b) dawn ir-regoli jkunu adegwati sabiex jiggarantixxu t-twettiq tal-għan imfittex u ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dan l-għan (jiġifieri li jkunu proporzjonati) [12].

26. Fost ir-raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali aċċettati mill-Qorti tal-Ġustizzja insostenn tal-applikazzjoni tal-miżuri tax-xogħol tal-Istat ta' destinazzjoni għall-ħaddiema kkollokati hemm: (a) il-protezzjoni tal-ħaddiema [13]; (b) "il-protezzjoni soċjali tal-ħaddiema" [14] [traduzzjoni mhux uffiċjali]; (c) il-"protezzjoni soċjali tal-ħaddiema fis-settur tal-kostruzzjoni" [15] [traduzzjoni mhux uffiċjali]; (d) il-prevenzjoni tal-kompetizzjoni żleali min-naħa ta' impriżi li jħallsu lill-ħaddiema kkollokati tagħhom f'livell inferjuri għal dak li jikkorrispondi għas-salarju minimu, peress li dan l-għan jinkludi miżura ta' protezzjoni tal-ħaddiema permezz tal-ġlieda kontra d-"dumping" soċjali [16], u e) il-ġlieda kontra l-frodi.

27. Fis-sentenza Seco u Desquenne & Giral [17] il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li fin-nuqqas ta' armonizzazzjoni l-Istati Membri jistgħu jobbligaw lill-persuna li timpjega ħaddiema kkollokati bil-għan li jipprovdu servizzi sabiex pereżempju jħallsulhom ir-remunerazzjoni minima applikabbli fl-Istat Membru ospitanti, anki jekk dawn il-ħaddiema jwettqu l-attività tagħhom biss temporanjament fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti u indipendentement mill-pajjiż fejn hija stabbilita l-persuna li timpjega. L-Istati Membri jistgħu wkoll jimponu l-obbligu ta' konformità ma' dawn ir-regoli tax-xogħol [18].

28. L-adozzjoni tad-Direttiva 96/71 naqqset, iżda ma neħħietx, il-kawżi li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja evalwat il-kompatibbiltà tal-miżuri nazzjonali restrittivi tal-kollokament tal-ħaddiema mal-Artikolu 56 TFUE.

29. Peress li d-Direttiva 96/71 ma kinitx tinkludi dispożizzjonijiet sabiex jiġi sostnut l-għan li r-regoli sostantivi tagħha jintlaħqu, il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet tagħmel uu mill-Artikolu 56 TFUE sabiex tiddeċiedi dwar ir-restrizzjonijiet nazzjonali imposti f'dan il-qasam. Din is-sitwazzjoni tinbidel bid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2014/67.

11 Sentenzi Arblade *et*, punti 58 u 59; u Maksimovic *et*, punt 31.

12 Sentenzi Arblade *et*, punti 34 u 35; tal-24 ta' Jannar 2002, Portugaia Construções (C-164/99, EU:C:2002:40, punt 19) (iktar 'il quddiem is-"sentenza Portugaia Construções"), u tal-21 ta' Settembru 2006, Il-Kummissjoni vs L-Awstrija (C-168/04, EU:C:2006:595, punt 37).

13 Sentenza Arblade *et* punt 80. Ara, bħala eżempju, is-sentenzi, Mazzoleni u ISA, punt 27; tal-25 ta' Ottubtu 2001, Finalarte *et* (C-49/98, C-50/98, C-52/98 sa C-54/98 u C-68/98 sa C-71/98, EU:C:2001:564), punt 33; Portugaia Construções, punt 20; u tat-12 ta' Ottubru 2004, Wolff & Müller (C-60/03, EU:C:2004:610; iktar 'il quddiem, is-"sentenza Wolff & Müller), punt 35.

14 Ara s-sentenza Seco u Desquenne & Giral, punt 10.

15 Ara s-sentenzi Guiot, punt 15; u Arblade *et*, punt 51.

16 Sentenza Wolff & Müller, punti 35, 36 u 41.

17 Punt 14.

18 Sentenza tat-3 ta' Diċembru 2014, De Clercq *et* (C-315/13, EU:C:2014:2408, punt 66 u l-ġurisprudenza ċċitata) (iktar' il quddiem is-"sentenza De Clerq *et*").

30. B'mod partikolari, l-istħarriġ tar-regoli amministrattivi nazzjonali anċillari intiżi sabiex jippermettu l-verifika tal-osservanza tal-kundizzjonijiet tax-xogħol applikabbli għall-ħaddiema tkompla permezz tal-applikazzjoni tal-Artikolu 56 TFUE [19]:

— Skont is-sentenza Čepelnik, l-Artikolu 56 TFUE jipprekludi li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat ospitanti jkunu jistgħu jeżiġu li l-iżviluppatur stabbilit f'dan l-Istat Membru jirtira l-ħlas mill-kuntrattur stabbilit fi Stat Membru ieħor (ta' oriġini) jew ukoll li jikkostitwixxi garanzija tal-ammont tal-prezz tax-xogħlijiet li jkun għad iridu jitħallsu, sabiex jiġi ggarantit il-ġbir tal-multa li tkun tista' tiġi imposta fuq dan il-kuntrattur fil-każ li jiġi stabbilit ksur tad-dritt tax-xogħol tal-Istat ospitanti [20].

— Fuq l-istess linja hija mogħtija s-sentenza Maksimovic *et* [21].

— Fir-rigward tal-kollokament ta' ħaddiema ta' Stat terz minn impriża li tipprovdi servizzi stabbilita fi Stat Membru, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-issuġġettar tal-provvista ta' servizzi fit-territorju nazzjonali, minn impriża stabbilita fi Stat Membru ieħor, għall-ħruġ ta' awtorizzazzjoni amministrattiva, jikkostitwixxi restrizzjoni fis-sens tal-Artikolu 56 TFUE [22]. L-istess japplika jekk jiġi obbligat jikseb permessi tax-xogħol sabiex jikkolloka l-ħaddiema tiegħu ċittadini ta' Stati extra-Komunitarji li kienu jirrisjedu u jaħdmu legalment f'dan l-Istat Membru l-ieħor [23].

## *B. Armonizzazzjoni tal-liġijiet permezz ta' direttivi*

### *1. Id-Direttiva 96/71 u l-emendi tagħha qabel l-2018*

31. Peress li kellhom dubji dwar liema regoli tad-dritt nazzjonali tax-xogħol jistgħu jiġu rikjesti mill-impriżi li jikkollokaw il-ħaddiema tagħhom, l-Istati Membri ħeġġew lil-leġiżlatur tal-Unjoni sabiex jarmonizza dawn il-leġiżlazzjonijiet.

32. Id-Direttiva 96/71 tirregola tliet tipi ta' kollokament: a) il-provvista diretta ta' servizzi minn impriża fil-kuntest ta' kuntratt ta' servizzi [24]; b) il-kollokament fil-kuntest ta' stabbiliment jew ta' impriża li tappartjeni għall-istess grupp ("kollokament fi ħdan il-gruppi"), u c) il-kollokament permezz tat-trasferiment ta' ħaddiem minn impriża ta' impjieg temporanju stabbilita fi Stat Membru ieħor.

33. Id-Direttiva 96/71 kienet intiża sabiex tħeġġeġ il-provvista transnazzjonali ta' servizzi permezz tal-ħolqien ta' klima ta' kompetizzjoni leali u permezz ta' miżuri li jiggarantixxu r-rispett tad-drittijiet tal-ħaddiema kkollokati.

19 Sentenzi Maksimovic *et*, punt 26; u De Clercq *et*, punt 47.

20 Punt 50.

21 Punt 50.

22 Sentenza tal-14 ta' Novembru 2018, Danieli & C. Officine Meccaniche *et* (C-18/17, EU:C:2018:904, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).

23 Sentenza tal-21 ta' Ottubru 2004, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu (C-445/03, EU:C:2004:655, punt 24).

24 Din hija l-ipoteżi l-iktar frekwenti: impriża stabbilita fi Stat Membru tikkolloka l-ħaddiema tagħha, f'isimha u taħt it-tmexxija tagħha, fit-territorju ta' Stat Membru ieħor bil-għan li tipprovdi servizzi transnazzjonali. Huwa konkluż kuntratt bejn l-impriża ta' oriġini u l-benefiċjarju tal-provvista ta' servizzi li jopera fi Stat Membru ieħor, sakemm ikun hemm relazzjoni ta' impjieg bejn din l-impriża u l-ħaddiem matul il-perijodu tal-kollokament. Ara s-sentenzi tat-3 ta' April 2008, Rüffert (C-346/06, EU:C:2008:189, punt 19) (iktar 'il quddiem is-"sentenza Rüffert"), u tad-19 ta' Diċembru 2019, Dobersberger (C-16/18, EU:C:2019:1110, punt 29) (iktar 'il quddiem is-"sentenza Dobersberger").

34. L-għan tagħha kien, għaldaqstant, li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-kundizzjonijiet tal-impjieg u tax-xogħol applikabbli fil-kuntest ta' relazzjoni ta' xogħol imwettqa f'kuntest transnazzjonali. Għal dan il-għan, hija kienet intiża sabiex tikkoordina l-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri "sabiex jistabbilixxu nukleu ta' *regoli obbligatorji għall-protezzjoni minima* li jkunu osservati fil-pajjiż li jilqa' għandu minn min iħaddem li jibgħat ħaddiema biex jagħmlu xogħol temporanju fit territorju ta' Stat Membru fejn is-servizzi huma pprovduti" [25].

35. Dawn l-għanijiet huma riprodotti fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 96/71:

— Minn naħa, dan għandu jiżgura kompetizzjoni leali bejn l-impriżi nazzjonali u dawk li jipprovdu servizzi transnazzjonali: dawn tal-aħħar għandhom jirrikonoxxu lill-ħaddiema tagħhom, fir-rigward ta' lista limitata ta' suġġetti, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg stabbiliti fl-Istat Membru ospitanti.

— Min-naħa l-oħra, ifittex li jiżgura lill-ħaddiema kkollokati l-applikazzjoni tar-regoli ta' protezzjoni minimi tal-Istat Membru ospitanti, f'dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg li jikkonċernaw il-kwistjonijiet imsemmija, filwaqt li dawn jeżerċitaw attivitajiet temporanji fit-territorju tiegħu [26].

36. L-implimentazzjoni tad-Direttiva 96/71 kienet diffiċli sa mill-bidu nett, minħabba n-nuqqas ta' ċarezza u ta' preċiżjoni ta' xi wħud mit-termini u l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tagħha [27].

37. Il-Qorti tal-Ġustizzja pprovat tikkjarifika wħud mill-kunċetti l-iktar rilevanti f'dan il-qasam:

— F'dak li jirrigwarda r-"rati minimi ta' ħlas", id-definizzjoni tal-elementi li jikkostitwixxu dan il-kunċett tiddependi mid-dritt tal-Istat Membru kkonċernat, bil-kundizzjoni unika li din id-definizzjoni (li tista' tirriżulta mil-leġiżlazzjoni jew mill-ftehimiet kollettivi nazzjonali applikabbli, jew mill-interpretazzjoni tagħhom mill-qrati nazzjonali) ma tostakolax il-libertà li jiġu pprovduti servizzi bejn l-Istati Membri.

— Il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tispeċifika b'mod każistiku liema elementi kellhom jinkludu (jew le) dawn ir-rati tas-salarju minimu, b'mod partikolari fis-sentenzi Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, Isbir u Sähköalojen ammattiliitto [28].

38. Is-sentenza Laval un Partneri kienet ta' importanza partikolari, peress li: a) minn naħa, ikkonfermat li l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jipprovdu l-livell minimu ta' protezzjoni previst mil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom lill-ħaddiema kkollokati; u b) min-naħa l-oħra, hija ddikjarat li, bla ħsara għall-possibbiltà li l-impriżi stabbiliti fi Stati Membri oħra jipparteċipaw volontarjament fl-Istat Membru ospitanti, b'mod partikolari fil-kuntest ta' impenn meħud fir-rigward tal-persunal ikkollokat tagħhom, fi ftehim kollettiv ta' xogħol eventwalment iktar

25 Premessa 13. Korsiv miżjud.

26 Sentenzi tat-12 ta' Frar 2015, Sähköalojen ammattiliitto (C-396/13, EU:C:2015:86, punt 28) (iktar 'il quddiem is-sentenza "Sähköaloen ammattiliitto"), u tat-8 ta' Diċembru 2007, Laval un Partneri (C-341/05, EU:C:2007:809, punti 74 u 76) (iktar 'il quddiem is-"sentenza Laval un Partneri").

27 Nirreferi, f'dan ir-rigward, għal Eckhard Voss, Michele Faioli, Jean-Philippe Lhernould, Feliciano Iudicone, Fondazione Giacomo, Posting of Workers Directive — current situation and challenges, European Parliament, 2016, http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2016/579001/IPOL_STU(2016)579001_EN.pdf; u Fotonopoulou Basurko, O., "Reflexiones en torno a la noción de habitualidad vs. temporalidad en las normas de derecho internacional privado del trabajo europeas", f'Fotonopoulou Basurko, O., (coord.), *El desplazamiento de trabajadores en el marco de la Unión europea: presente y futuro*, Atelier, Barcelona, 2018, p. 258 sa 262.

28 Sentenzi tal-14 ta' April 2005, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-341/02, EU:C:2005:220, punti 25 sa 43), tas-7 ta' Novembru 2013, Isbir (C-522/12, EU:C:2013:711, punti 39 sa 45) (iktar 'il quddiem is-"sentenza Isbir"), u Sähköalojen ammattiliitto, punti 38 sa 70.

favorevoli, il-livell ta' protezzjoni li għandu jiġi żgurat lill-ħaddiema kkollokati fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti huwa, bħala prinċipju, limitat għal dak previst fil-punti (a) sa (g) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 96/71 [29].

39. Barra minn hekk, f'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 3 tad-Direttiva 96/71 (flimkien mal-Artikolu 56 TFUE) kellhom jiġu interpretati fis-sens li kienu jipprekludu l-fatt li organizzazzjoni sindakali tista' tipprova ġġiegħel, permezz ta' azzjoni kollettiva fil-forma ta' mblokk ta' siti ta' kostruzzjoni, lil fornitur tas-servizzi stabbilit fi Stat Membru ieħor jibda magħha negozjati dwar ir-rati ta' salarju li għandhom jitħallsu lill-ħaddiema kkollokati u intiżi sabiex iġiegħluh jaderixxi ma' ftehim kollettiv li l-klawżoli tiegħu jinkludu, għal xi wħud minn dawn l-oqsma, kundizzjonijiet iktar favorevoli minn dawk idderivati mid-dispożizzjonijiet legali rilevanti, filwaqt li klawżoli oħra jirreferu għal kwistjonijiet mhux inklużi fl-Artikolu 3 ta' din id-direttiva [30].

40. Is-sentenza Laval un Partneri ġiet ippreċeduta mis-sentenza International Transport Workers' Federation u Finnish Seamen's Union [31] u ġiet segwita mis-sentenzi Rüffert u Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu [32], li fihom ġie kkunsidrat li ċerti miżuri protettivi tal-ħaddiema li jirrestrinġu l-libertà li jiġu pprovduti servizzi jew il-libertà ta' stabbiliment ma humiex iġġustifikati.

41. Din il-ġurisprudenza ġiet interpretata mis-sindakati bħala sfavorevoli għall-interessi tal-ħaddiema kkollokati [33] u ġiet ikkritikata peress li dehret li qiegħda tibdel id-Direttiva 96/71 fil-livell massimu tad-drittijiet li l-Istat Membru ospitanti seta' jirrikonoxxi lill-ħaddiema kkollokati u jimponi fuq l-impriżi li kienu jimmobilizzawhom [34]. Ma huwiex sorprendenti li din wasslet għat-talba ta' riforma tad-Direttiva 96/71 [35].

42. Ma' dan jiżdied l-effett tat-tkabbir tal-Unjoni fl-2004 u fl-2007, jiġifieri l-wasla ta' Stati Membri ġodda b'potenzjal notevoli ta' esportazzjoni ta' ħaddiema kkollokati. Il-kriżi ekonomika tal-2008 wkoll kellha effett fuq l-implimentazzjoni tad-Direttiva 96/71, billi ffavorixxiet il-kollokamenti transnazzjonali ta' ħaddiema u billi kkontribwixxiet għall-iżvilupp ta' prattiki frawdolenti (impriżi fittizji jew *letter box companies*, awtonomi foloz) [36] sabiex tiġi evitata l-protezzjoni "minima" li hija kienet toffri lill-ħaddiema kkollokati.

29 Sentenza Laval un Partneri, b'mod partikolari, punti 80 u 81.

30 *Ibidem*, punt 111.

31 Sentenza tal-11 ta' Diċembru 2007 (C-438/05, EU:C:2007:772).

32 Sentenzi tad-19 ta' Ġunju 2008 (C-319/06, EU:C:2008:350).

33 Is-sentenza tas-17 ta' Novembru 2015, RegioPost (C-115/14, EU:C:2015:760, punt 66), wasslet għal ċertu bdil ta' orjentazzjoni peress li ddeċidiet li "l-Artikolu 26 tad-Direttiva 2004/18, moqri flimkien mad-Direttiva 96/71, jippermetti lill-Istat Membru ospitanti li jipprevedi, fil-kuntest tal-għoti ta' kuntratt pubbliku, regola imperattiva ta' protezzjoni minima li tinsab fl-ewwel subparagrafu (c) tal-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li timponi l-osservanza mill-impriżi stabbiliti fi Stati Membri oħra rata ta' paga minima għall-benefiċċju tal-ħaddiema tagħhom ikkollokati fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti għall-eżekuzzjoni ta' dan il-kuntratt pubbliku. Fil-fatt, tali regola tagħmel parti mil-livell ta' protezzjoni li għandu jiġi ggarantit lill-imsemmija ħaddiema".

34 Kilpatrick, C., "Laval's regulatory conundrum: collective standard-setting and the Court's new approach to posted worker", *European Law Review*, Nru 6, 2009, p. 848; Rocca, M., *Posting of Workers and Collective Labour Law: There and Back Apension. Between Internal Markets and Fundamental Rights*, Intersentia, Amberes, 2015, p. 181 sa 204.

35 Ara l-analiżi ta' Van Nuffel, P. U Afanasjeva, S. "The Posting Workers Directive revised: enhancing the protection of workers in the cross-border provision of services", *European Papers*, 2018, Nru 2, p. 1411 sa 1413.

36 Perdisini, R. u Pallini, M. *Exploring the fradulent contrating of work in the European Union*, 2016, Eurofound, p. 9 sa 18.

43. L-ewwel żvilupp fil-proċess ta' riforma kien l-approvazzjoni tad-Direttiva 2014/67, intiża sabiex tiżgura l-osservanza tad-Direttiva 96/71 billi tipprevedi strumenti ġodda u msaħħa sabiex jiġi miġġieled u ppenalizzat kull abbuż, evażjoni jew frodi fil-każ ta' kollokament transnazzjonali tal-ħaddiema [37].

44. Id-Direttiva 2014/67 fiha wkoll dispożizzjonijiet intiżi sabiex tittejjeb il-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fil-qasam tal-kollokament. Hija tirregola l-miżuri ta' kontroll applikabbli mill-Istati Membri meta jissorveljaw l-osservanza tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema kkollokati. Barra minn hekk, hija teżiġi l-istabbiliment ta' kontrolli u ta' mekkaniżmi ta' monitoraġġ adegwati u effikaċi kif ukoll ta' spezzjonijiet imwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali sabiex tiġi ssorveljata l-osservanza tad-Direttiva 96/71.

## 2. *Id-Direttiva 2018/957*

45. L-Istati Membri kellhom sat-18 ta' Ġunju 2016 sabiex jinkorporaw id-Direttiva 2014/67 fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom [38]. Qabel ma ntemm dan il-perijodu, fit-8 ta' Marzu 2016, il-Kummissjoni ressqet proposta għal emenda tad-Direttiva 96/71 [39].

46. L-ipproċessar ta' din il-proposta wera l-konfrontazzjoni bejn l-Istati Membri *esportaturi* u *riċevituri* ta' ħaddiema kkollokati:

— L-Awstrija, il-Belġju, Franza, il-Ġermanja, il-Lussemburgu, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Isvezja, f'ittra konġunta, esprimew l-appoġġ tagħhom għall-modernizzazzjoni tad-Direttiva 96/71, sabiex jistabbilixxu l-prinċipju ta' "ħlas indaqs għall-istess xogħol fl-istess post". Huma ssuġġerixxew li jiġu emendati d-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol u dawk soċjali applikabbli għall-ħaddiema kkollokati, prinċipalment, fir-rigward tal-paga; l-iffissar tat-terminu massimu għall-kollokamenti, b'mod partikolari bl-għan li jiġu armonizzati d-dispożizzjonijiet mar-Regolament tal-Unjoni dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali; kif ukoll il-kjarifika tal-kundizzjonijiet applikabbli għas-settur tat-trasport bit-triq.

— Min-naħa l-oħra, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja u l-Ungerija, f'ittra konġunta oħra sostnew li reviżjoni tad-Direttiva 96/71 kienet prematura u li kellha tiġi posposta sal-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2014/67 u għal evalwazzjoni fid-dettall tal-effetti tagħha. Dawn l-Istati Membri esprimew it-tħassib tagħhom dwar il-fatt li l-prinċipju ta' "ħlas indaqs għall-istess xogħol fl-istess post" jista' joħloq ostakoli għas-suq uniku, peress li d-differenzi fis-salarji jikkostitwixxu element leġittimu ta' vantaġġ kompetittiv għall-fornituri tas-servizzi. Barra minn hekk, huma kkunsidraw li l-ħaddiema kkollokati kellhom jibqgħu koperti mil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ta' oriġini, għal raġunijiet ta' sigurtà soċjali, u li r-relazzjoni bejn il-kollokament ta' ħaddiema u l-koordinazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali ma kellhomx jiġu riveduti.

37 Id-Direttiva 2014/67 indirizzat il-problemi marbuta mal-hekk imsejħa "kumpanniji letter box" u saħħet il-kapaċità tal-Istati Membri li jissorveljaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol u li jiżguraw l-osservanza tar-regoli applikabbli. Hija telenka, *inter alia*, il-kriterji li juru l-eżistenza ta' rabta reali bejn il-persuna li timpjega u l-Istat Membru ta' stabbiliment, applikabbli wkoll sabiex jiġi ddeterminat jekk individwu jissodisfax id-definizzjoni ta' ħaddiem ikkollokat.

38 Ara Marchal Escalona, N. "El desplazamiento de trabajadores en el marco de una prestación transnacional de servicios: hacia un marco normativo europeo más seguro, justo y especializado", *Revista de Derecho Comunitario Europeo*, 2019, nru 1, p. 91 sa 95.

39 COM(2016) 128 final, tat-18 ta' Marzu 2016, proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 96/71.

47. Fit-terminu stabbilit mill-Artikolu 6 tal-Protokoll Nru 2, erbatax-il Parlament nazzjonali bagħtu opinjonijiet motivati lill-Kummissjoni, li fihom huma ddikjaraw li l-proposta tat-8 ta' Marzu 2016 ma kinitx konformi mal-prinċipju ta' sussidjarjetà. B'hekk huma attivaw il-proċedura tal-Artikolu 7(2) tal-Protokoll Nru 2 tat-Trattat, dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità.

48. Il-bażi legali tal-proposta tal-Kummissjoni kienet ikkostitwita mir-regoli dwar is-suq intern, jiġifieri l-Artikoli 53(1) TFUE u 62 TFUE. Wara analiżi tal-kontenut tagħha, il-Kummissjoni kkonkludiet li r-reviżjoni tad-Direttiva 96/71 kienet konformi mal-prinċipju ta' sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5(3) TUE u li ma kienx neċessarju li tiġi rtirata jew emendata [40].

49. Fi tmiem negozjati kumplessi fi ħdan il-Kunsill u l-Parlament Ewropew,[41] ir-reviżjoni tad-Direttiva 96/71 ġiet approvata fit-28 ta' Ġunju 2018, permezz tal-adozzjoni tad-Direttiva 2018/957, li l-Artikolu 3 tagħha jipprevedi perijodu ta' traspożizzjoni sat-30 ta' Lulju 2020 u li l-applikazzjoni tiegħu għas-servizzi tat-trasport bit-triq tiddependi mill-adozzjoni ta' att leġiżlattiv speċifiku.

50. Id-Direttiva 2018/957 ġiet adottata bil-vot kontra tal-Polonja u tal-Ungerija kif ukoll bl-astensjoni tal-Kroazja, tal-Litwanja, tal-Latvja u tar-Renju Unit.

51. Fl-aħħar nett, għandu jiġi indikat li l-emenda għad-Direttiva 96/71, permezz tal-adozzjoni tad-Direttiva 2018/957, kienet akkumpanjata minn proposta ta' riforma tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 [42] u tal-ħolqien tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol [43], li l-għan tagħha huwa li tgħin lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni u l-osservanza effettiva tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tal-mobbiltà tal-ħaddiema (inkluża d-Direttiva 96/71) kif ukoll tal-koordinazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali fi ħdan l-Unjoni.

## IV. L-ewwel motiv: żball fl-għażla tal-bażi legali tad-Direttiva 2018/957

### *A. Argumenti*

52. Skont il-Gvern Ungeriż, l-Artikoli 53(1) TFUE u 62 TFUE, li jipprevedu l-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet fil-qasam tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, ma humiex il-bażi legali xierqa għad-Direttiva 2018/957. Fid-dawl tal-għan u tal-kontenut tagħha, din id-direttiva hija indirizzata esklużivament, jew prinċipalment, għall-protezzjoni tal-ħaddiema, b'tali mod li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu jadottaha abbażi tal-Artikolu 153 TFUE jew, tal-inqas, billi jibbaża ruħu prinċipalment fuq din l-aħħar bażi legali fil-qasam tal-politika soċjali.

40 COM(2016) 505 final, tal-20 ta' Lulju 2016, Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Parlamenti nazzjonali dwar il-proposta għal direttiva li temenda d-Direttiva dwar l-istazzjonar tal-ħaddiema, fir-rigward tal-prinċipju ta' sussidjarjetà, f'konformità mal-Protokoll Nru 2.

41 Ara l-analiżi ta' Van Nuffel, P. U Afanasjeva, S. "The Posting Workers Directive revised: enhancing the protection of workers in the cross-border provision of services", *European Papers*, 2018, Nru 3, p. 1414 sa 1416.

42 COM(2016) 815 final, tat-13 ta' Diċembru 2016, Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali, u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004.

43 Regolament (UE) 2019/1149 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi Awtorità Ewropea tax-Xogħol, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 883/2004, (UE) Nru 492/2011, u (UE) 2016/589 u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2016/344 (ĠU 2019, L 186, p. 21).

53. Skont dan il-Gvern, id-Direttiva 2018/957 ma teliminax ir-restrizzjonijiet għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, iżda toħloq ostakoli għall-impriżi li jipprovdu servizzi transnazzjonali bil-kollokament ta' ħaddiema, għaliex hija timplimenta miżuri ta' protezzjoni tal-ħaddiema kkollokati. L-għan prinċipali tagħha huwa l-ugwaljanza fit-trattament tal-ħaddiema, b'mod partikolari l-estensjoni tar-remunerazzjoni ugwali (salarju ugwali għall-istess xogħol fl-istess post tax-xogħol).

54. Meta l-ħaddiema jiġu kkollokati fil-kuntest ta' provvista transnazzjonali ta' servizzi għal perijodu ta' iktar minn 12-il xahar (jew eċċezzjonalment għal 18-il xahar), id-Direttiva timponi li fir-rigward tagħhom jiġu applikati l-istess kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg bħal dawk tal-ħaddiema tal-pajjiż ospitanti. Għal perijodi inferjuri, il-Gvern Ungeriż jifhem li d-Direttiva ssaħħaħ in-*nukleu iebes* tar-regoli obbligatorji li jiżguraw lil dawn il-ħaddiema protezzjoni minima meta jiġu kkollokati fl-Istat ospitanti.

55. Il-Gvern Ungeriż iqis li d-Direttiva 2018/957 ma għandux ikollha l-istess bażi legali bħal dik tad-Direttiva 96/71: il-kontenut tad-Direttiva tal-2018 huwa limitat għall-protezzjoni tal-ħaddiema kkollokati mingħajr dispożizzjonijiet immirati lejn il-liberalizzazzjoni tal-provvista tas-servizzi.

56. Il-Gvern Ungeriż jinvoka wkoll il-ġurisprudenza dwar is-supremazija tal-bażi legali iktar speċifika. Meta ġiet adottata d-Direttiva 96/71, intużat il-bażi ġenerali tal-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet fil-qasam tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi peress li ma kienx hemm bażi oħra iktar speċifika. Din il-bażi iktar speċifika (l-Artikolu 153 TFUE) li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu juża kienet diġà teżisti meta ġiet adottata d-Direttiva 2018/957.

57. Il-Kummissjoni, il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Gvernijiet tal-Istati Membri intervenjenti jqisu li hija l-bażi legali tad-Direttiva 2018/957 (Artikoli 53(1) TFUE u 62 TFUE) li hija korretta.

## *B. Evalwazzjoni*

58. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-għażla tal-bażi legali ġiet issintetizzata fis-sentenza Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Parlament u Il-Kunsill [44] fit-termini li ġejjin li qiegħed nirriproduċi.

— "[L]-għażla tal-bażi legali ta' att tal-Unjoni għandha tkun ibbażata fuq elementi oġġettivi li jistgħu jkunu s-suġġett ta' stħarriġ ġudizzjarju, fosthom l-għan u l-kontenut ta' dan l-att. Jekk l-eżami tal-att ikkonċernat juri li dan għandu żewġ għanijiet jew li għandu żewġ komponenti u jekk wieħed minn dawn ikun identifikabbli bħala ewlieni jew predominanti, filwaqt li l-ieħor ma jkunx għajr ančillari, dan l-att għandu jiġi bbażat fuq bażi legali waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti" [45].

— "Barra minn hekk […] jista' jittieħed inkunsiderazzjoni, sabiex tiġi ddeterminata l-bażi legali xierqa, il-kuntest ġuridiku li fih taqa' leġiżlazzjoni ġdida, b'mod partikolari sa fejn tali kuntest jista' jipprovdi kjarifika dwar l-għan tal-imsemmija leġiżlazzjoni [46].

44 Sentenza tat-3 ta' Diċembru 2019 (C-482/17, EU:C:2019:1035) (iktar 'il quddiem is-"sentenza Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Parlament u Il-Kunsill").

45 *Ibidem*, punt 31.

46 *Ibidem*, punt 32.

— [F]ir-rigward ta' leġiżlazzjoni li temenda leġiżlazzjoni eżistenti, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni wkoll, għall-finijiet tal-identifikazzjoni tal-bażi legali tagħha, il-leġiżlazzjoni eżistenti li hija temenda u, b'mod partikolari, l-għan u l-kontenut tagħha[47].

— Hija wkoll ġurisprudenza stabbilita li, ladarba regola ta' armonizzazzjoni tiġi adottata, "il-leġiżlatur tal-Unjoni ma jistax jiġi mċaħħad mill-possibbiltà li jadatta dan l-att għal kull tibdil fiċ-ċirkustanzi jew għal kull żvilupp tal-konoxxenzi fid-dawl tal-kompitu li huwa għandu li jiżgura l-protezzjoni tal-interessi ġenerali rrikonoxxuti mit-Trattat"[48].

59. Għaldaqstant, ser nipproċedi, konformement ma' din il-ġurisprudenza, sabiex nivverifika jekk l-emenda tad-Direttiva 96/71 taqax fil-marġni ta' diskrezzjoni tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, li teħtieġ: i) l-identifikazzjoni tal-għan prinċipali tad-Direttiva 2018/957; ii) l-eżami tal-kontenut tagħha[49]; u iii) l-analiżi tal-kuntest li fih ġiet adottata.

### *1. L-għan tad-Direttiva 2018/957*

60. Sabiex jiġi identifikat l-*għan prinċipali* ta' din id-direttiva, huwa indispensabbli li jittieħed inkunsiderazzjoni l-memorandum ta' spjegazzjoni tagħha u d-dispożizzjonijiet li hija tinkludi fit-totalità tagħhom[50].

61. Il-premessi tad-Direttiva 2018/957 jenfasizzaw li din hija intiża sabiex tistabbilixxi bilanċ, li ma huwiex dejjem faċli, bejn żewġ interessi li mhux neċessarjament jikkoinċidu[51]:

— Minn naħa, il-garanzija, għall-impriżi tal-Istati Membri, li jkunu jistgħu jwettqu provvisti transnazzjonali ta' servizzi[52] billi jimmobilizzaw, mingħajr restrizzjonijiet mhux iġġustifikati, ħaddiema mill-Istat ta' stabbiliment tagħhom, b'tali mod li huma jistgħu jinvokaw il-vantaġġ kompetittiv tagħhom f'każ li jkollhom nefqa salarjali iktar baxxa.

— Min-naħa l-oħra, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema kkollokati[53], li s-sitwazzjoni tax-xogħol tagħhom fl-Istat ta' destinazzjoni għandha tidher f'dik tal-ħaddiema ta' dan l-Istat.

62. L-allużjonijiet għal dan il-bilanċ (bejn l-interessi tal-fornituri tas-servizzi u l-protezzjoni soċjali tal-ħaddiema kkollokati) huma stabbiliti fil-memorandum ta' spjegazzjoni tad-Direttiva 2018/957[54]. Il-premessa 10 tagħha, pereżempju, wara li tiddikjara li "[h]uwa neċessarju li tiġi żgurata protezzjoni akbar tal-ħaddiema biex tkun salvagwardata l-libertà li jiġu

47 *Ibidem*, punt 42.

48 *Ibidem*, punt 38.

49 Sentenza tal-21 ta' Ġunju 2018, Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-5/16, EU:C:2018:483, punt 49).

50 Sentenza tas-27 ta' Jannar 2000, DIR International Film *et* vs Il-Kummissjoni (C-164/98 P, EU:C:2000:48, punt 26).

51 Għaldaqstant, il-premessa 1: "[…] biex jiggarantixxu kondizzjonijiet ekwi għan-negozji u r-rispett għad-drittijiet tal-ħaddiema". Din id-duwalità hija msemmija wkoll fil-premessa 4: id-Direttiva 2018/957 għandha l-għan li tirrevedi jekk id-Direttiva 96/71 "għadhiex tilħaq bilanċ ġust bejn il-ħtieġa tal-promozzjoni tal-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi u l-iżgurar ta' kondizzjonijiet ekwi, min-naħa l-waħda, u l-ħtieġa li jiġu protetti d-drittijiet tal-ħaddiema stazzjonati [ikkollokati], min-naħa l-oħra".

52 Fil-premessa 2 jinsab dan li ġej: "[i]l-libertà li jiġu pprovduti servizzi tinkludi d-dritt tal-impriżi li jipprovdu servizzi fit-territorju ta' Stat Membru ieħor u li jistazzjonaw [jikkollokaw] lill-ħaddiema tagħhom temporanjament fit-territorju ta' dak l-Istat Membru għal dak l-iskop".

53 Il-premessa 3 tafferma mill-ġdid l-għan tal-ġustizzja u tal-protezzjoni soċjali, li huwa intiż sabiex jipproteġi lill-ħaddiema kkollokati. Il-premessi 5 sa 9 wkoll għandhom effett fuq il-protezzjoni tal-ħaddiema kkollokati.

54 Dan huwa mtenni mill-ġdid fil-premessa 24: "Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas ibbilanċjat fir-rigward tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi u l-protezzjoni tal-ħaddiema stazzjonati [kkollokati], li huwa nondiskriminatorju, trasparenti u proporzjonat filwaqt li jirrispetta d-diversità tar-relazzjonijiet industrijali nazzjonali. Din id-Direttiva ma tipprevjenix l-applikazzjoni ta' termini u ta' kondizzjonijiet tax-xogħol li jkunu aktar favorevoli għall-ħaddiema stazzjonati".

pprovduti, kemm fil-perijodu qasir kif ukoll dak fit-tul, servizzi fuq bażi ġusta, b'mod partikolari billi jiġi evitat l-abbuż tad-drittijiet garantiti mit-Trattati", iżżid, bħala kontropiż, li "r-regoli li jiżguraw tali protezzjoni għall-ħaddiema ma jistgħux jaffettwaw id-dritt ta' dawk impriżi li jistazzjonaw [jikkollokaw] ħaddiema fit-territorju ta' Stat Membru ieħor li jinvokaw il-libertà li jipprovdu servizzi".

63. Bilanċ ġust bejn dawn iż-żewġ interessi għandu jiżgura wkoll kompetizzjoni leali tal-impriżi li jikkollokaw il-ħaddiema u ta' dawk stabbiliti fl-Istat ta' destinazzjoni.

64. Huwa minnu li parti kbira mill-premessi tad-Direttiva 2018/957 jikkonċernaw b'mod partikolari l-protezzjoni tal-ħaddiema kkollokati. Din ir-repetizzjoni hija dovuta għall-fatt li, matul is-sena 2018, kien hemm l-intenzjoni li tiġi emendata d-Direttiva 96/71, preċiżament, sabiex jiġi mibdul il-bilanċ stabbilit f'din tal-aħħar u tiġi offruta iktar protezzjoni lill-ħaddiema kkollokati. Din l-emenda tqieset li hija indispensabbli mil-leġiżlatur tal-Unjoni fir-rigward tal-iżvilupp tas-swieq tax-xogħol tal-Unjoni wara t-tkabbir b'suċċess u wara l-kriżi ekonomika tal-2008.

## *2. Il-kontenut tad-Direttiva 2018/957*

65. Il-kontenut ta' din id-direttiva huwa konformi mal-għanijiet imsemmija fil-premessi tagħha. Il-verżjoni l-ġdida tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 96/71 tenfasizza iktar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema kkollokati, filwaqt li l-verżjoni preċedenti kienet tagħmel dan fl-impriżi li jimpjegawhom.

66. Il-bidliet li d-Direttiva 2018/957 tintroduċi fid-Direttiva 96/71 huma, nirrepeti, għat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema kkollokati billi jsiru iktar simili għal dawk tal-ħaddiema tal-Istat ospitanti. B'hekk:

— Il-perijodu massimu għall-kollokament huwa ffissat għal sena (jew eċċezzjonalment għal 18-il xahar). Wara dan iż-żmien, l-individwu kkollokat isir *ħaddiem fit-tul*[55], li għalih japplikaw, bħala prinċipju, l-istess kundizzjonijiet tax-xogħol bħal dawk tal-ħaddiema tal-Istat ospitanti.

— Fir-rigward tal-ħaddiema kkollokati għal perijodu ta' inqas minn sena (jew eċċezzjonalment 18-il xahar), jiżdiedu s-suġġetti li fuqhom huwa estiż l-obbligu ta' trattament ugwali maċ-ċittadini[56]. B'mod speċifiku, l-espressjoni "rati minimi ta' ħlas" hija ssostitwita b'"remunerazzjoni".

— Jitjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema kkollokati minn aġenziji ta' impjieg jew minn impriżi ta' xogħol temporanju. L-Istati Membri, minn issa 'l quddiem għandhom jiżguraw (qabel, din kienet fakultattiva) li dawn l-entitajiet jiggarantixxu lilhom il-kundizzjonijiet

[55] Denominazzjoni użata minn Marchal Escalona, N. "El desplazamiento de trabajadores en el marco de una prestación transnacional de servicios: hacia un marco normativo europeo más seguro, justo y especializado", *Revista de Derecho Comunitario Europeo*, 2019, Nru 1, p. 96 sa 98.

[56] Fil-punt (h) tiegħu huma inklużi, "il-kondizzjonijiet tal-akkomodazzjoni tal-ħaddiema fejn ipprovduti minn min iħaddem lil ħaddiema li jkunu l-bogħod mill-post tax-xogħol regolari tagħhom"; u fil-punt (i) "allowances jew rimborż ta' spejjeż biex jiġu koperti l-ispejjeż ta' vjaġġar, tal-ikel u tal-alloġġ għal ħaddiema l-bogħod mid-dar għal raġunijiet professjonali".

tax-xogħol li japplikaw, skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/104/KE[57], għall-ħaddiema pprovduti minn aġenziji stabbiliti fl-Istat Membru ospitanti.

67. Minbarra dawn l-emendi, id-Direttiva 2018/957 tinkludi bidliet oħra relatati mas-sorveljanza, mal-kontroll u mal-implimentazzjoni tad-Direttiva 96/71, li jirriżultaw mill-adozzjoni tad-Direttiva 2014/67.

68. Meħud fl-intier tiegħu, il-kontenut tad-Direttiva 2018/957 għaldaqstant huwa mħejji sabiex iżid il-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema kkollokati, iżda dejjem fil-kuntest ta' provvista transnazzjonali ta' servizzi mwettqa minn impriża.

### *3. Il-kuntest li fih hija adottata d-Direttiva 2018/957*

69. Kif diġà spjegajt, id-Direttiva 96/71 għaddiet minn żvilupp kumpless. Hija kellha l-intenzjoni li tippromwovi u tiffaċilita l-provvista transkonfinali ta' servizzi, li tipproteġi lill-ħaddiema kkollokati u tiżgura kompetizzjoni leali bejn l-impriżi tal-Istat ta' oriġini u dawk tal-Istati Membri ta' destinazzjoni.

70. L-*istatus quo* li ntlaħaq fl-1996 ġie mibdul minħabba t-tkabbir tal-Unjoni fl-2004 u fl-2007, fit-termini esposti iktar 'il fuq[58]. Il-kollokament transnazzjonali tal-ħaddiema żdied minħabba din iċ-ċirkustanza, li magħha ngħaqdet il-kriżi ekonomika tal-2008.

71. F'din iċ-ċirkustanza, u wkoll minħabba n-nuqqas ta' ċarezza ta' wħud mill-kunċetti tagħha, l-istituzzjonijiet politiċi tal-Unjoni kienu jemmnu li kien essenzjali li titwettaq riforma tad-Direttiva 96/71, li seħħet f'żewġ fażijiet: a) id-Direttiva 2014/67 li, mingħajr ma ġiet emendata d-Direttiva 96/71, stabbilixxiet mekkaniżmi għat-titjib tal-implimentazzjoni tagħha fid-dawl ta' bosta każijiet ta' frodi fil-kollokament transnazzjonali tal-ħaddiema, u b) l-adozzjoni tad-Direttiva 2018/957, li tintroduċi t-tibdiliet deskritti iktar 'il fuq.

72. Id-diffikultajiet li ltaqgħu magħhom il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew sabiex iwettqu din ir-riforma, diġà msemmija, kixfu sitwazzjoni qawwija ta' kunflitt ta' interessi bejn l-Istati ta' oriġini tal-impriżi u l-Istati ospitanti. Dan ir-rikors għal annullament u dak ippreżentat mill-Polonja (Kawża C-626/18) kontra d-Direttiva 2018/957 jenfasizzaw l-intensità tad-differenzi bejn l-Istati Membri.

### *4. L-opinjoni tiegħi fuq il-bażi legali*

73. Ladarba ġew analizzati l-għan, il-kontenut u l-kuntest tad-Direttiva 2018/957, għandu jiġi ċċarat jekk il-bażi legali użata għall-adozzjoni tagħha (Artikoli 53(1) TFUE u 62 TFUE) hijiex korretta, kif isostnu l-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kummissjoni u l-Gvern Franċiż, Ġermaniż u dak tal-Pajjiżi l-Baxxi, jew jekk, minflok, din id-direttiva kellhiex tiġi adottata bl-Artikolu 153 TFUE bħala bażi legali, kif issostni l-Ungerija.

[57] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar xogħol temporanju permezz ta' aġenzija (ĠU 2008, L 327, p. 9).

[58] Punti 41 sa 44 ta' dawn il-konklużjonijiet.

74. Naqbel mal-Ungerija li l-għanijiet u l-kontenut tad-Direttiva 2018/957 huma fil-parti l-kbira tagħhom imfassla għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema kkollokati. Madankollu, dan il-fatt ma jippermettix li jiġi konkluż li l-għeruq tagħha għandhom jiġu mfittxija, bla dubju, fl-Artikolu 153 TFUE.

75. Qabel kollox, infakkar li d-Direttiva 2018/957 twettaq emenda importanta iżda limitata tad-Direttiva 96/71. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, att li jemenda ieħor preċedenti normalment ikollu l-istess bażi legali[59], fatt li jidhirli li huwa loġiku. Għalhekk, l-Artikoli 53(1) TFUE u 62 TFUE jistgħu jikkostitwixxu l-bażi legali xierqa għad-Direttiva 2018/957, bħalma kienu preċedentement għad-Direttiva 96/71 li qiegħda tiġi emendata permezz tagħhom.

76. Id-Direttiva 2018/957 tadatta s-soluzzjoni leġiżlattiva mogħtija mid-Direttiva 96/71 għall-fenomenu tal-kollokament (li qiegħed jiżdied) transnazzjonali tal-ħaddiema, sabiex tiffaċilita l-libertà li jiġu pprovduti servizzi tal-impriżi li jirrikorru għal dan il-metodu ta' mobilizzazzjoni tal-element ta' xogħol.

77. Nerġa' ntenni li dan l-adattament kien neċessarju minħabba l-evoluzzjoni tas-swieq tax-xogħol tal-Unjoni u kien imfassal għal protezzjoni ikbar tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema kkollokati. Jista' jkun li, f'ċerti każijiet, ikun hemm tnaqqis korrelattiv tal-kompetittività tal-impriżi sabiex jiġu pprovduti servizzi fi Stati Membri oħra bl-użu ta' dan il-mezz, iżda din hija l-għażla (leġittima) mixtieqa mil-leġiżlatur Ewropew.

78. Kif sostnejt fl-analiżi tiegħi tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dan il-qasam, meta jadotta regola ta' armonizzazzjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma jistax jiġi mċaħħad mill-possibbiltà li jadatta dan l-att għal kull bidla fiċ-ċirkustanzi jew għal kull evoluzzjoni tal-għarfien, peress li huwa għandu l-obbligu li jiżgura l-protezzjoni tal-interessi ġenerali rrikonoxxuti mit-Trattat[60].

79. Dan huwa preċiżament dak li ġara bl-approvazzjoni tad-Direttiva 2018/957. Il-leġiżlatur tal-Unjoni introduċa tibdiliet fid-Direttiva 96/17 sabiex jadatta l-bilanċ tal-interessi rifless fiha għas-sitwazzjoni l-ġdida ġġenerata mill-moviment transnazzjonali ta' ħaddiema. L-interessi li qegħdin jikkompetu jibqgħu l-istess, iżda l-punt ewlieni u l-punt ta' bilanċ bejniethom xaqilbu lejn protezzjoni ikbar tad-drittijiet tax-xogħol ta' dawn il-ħaddiema. Dan l-ibbilanċjar mill-ġdid ma jiġġustifikax il-bidla fil-bażi legali fir-rigward tad-Direttiva 96/71.

80. L-Ungerija ssemmi l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-għażla tal-iktar bażi legali speċifika f'każ ta' kompetizzjoni ta' diversi bażijiet legali għall-adozzjoni ta' att regolatorju tal-Unjoni[61]. Fl-opinjoni tagħha, l-Artikolu 153 TFUE jippreżenta speċifiċità ikbar mill-Artikoli 53(1) TFUE u 62 TFUE għall-adozzjoni tad-Direttiva 2018/957, billi huwa orjentat lejn il-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema u mhux lejn l-eliminazzjoni tal-ostakoli għall-moviment liberu tas-servizzi.

81. Ma naqbilx ma' dan l-argument. L-Artikolu 153(2) TFUE jinkludi żewġ bażijiet legali distinti:

— Fil-punt (a) tiegħu jipprevedi l-adozzjoni ta' miżuri intiżi sabiex jippromwovu l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fil-qasam soċjali, bl-esklużjoni ta' kull tip ta' armonizzazzjoni.

59 Sentenza Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Parlament u Il-Kunsill, punt 42.

60 *Ibidem*, punti 38 u 39.

61 Sentenza tat-12 ta' Frar 2015, Il-Parlament vs Il-Kunsill (C-48/14, EU:C:2015:91, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

— Fil-punt (b) tiegħu jikkontempla l-possibbiltà li jiġu approvati, f'ċerti oqsma soċjali, ir-"rekwiżiti minimi applikabbli progressivament", b'teħid inkunsiderazzjoni tal-kundizzjonijiet eżistenti f'kull Stat Membru.

82. L-ebda waħda minn dawn iż-żewġ bażijiet legali ma hija xierqa sabiex isservi bħala bażi għad-Direttiva 2018/957. Fir-rigward tal-ħaddiema kkollokati fil-kuntest ta' provvista transnazzjonali ta' servizzi, għandha tiġi ċċarata, hekk kif tagħmel din id-direttiva, il-leġiżlazzjoni tax-xogħol li tapplika għalihom matul il-kollokament tagħhom fl-Istat ospitanti. Għal dan l-għan, il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri prevista fl-Artikolu 153(2)(a) TFUE ma hijiex suffiċjenti, iktar u iktar peress li, kif inhu enfasizzat f'din il-kawża, l-interessi tal-Istati Membri ta' oriġini u ta' destinazzjoni jistgħu ma jikkoinċidux.

83. Il-preċiżazzjoni dwar liema leġiżlazzjoni tirregola r-relazzjonijiet ta' xogħol (taħt ċerti aspetti) matul il-kollokament fl-Istat ospitanti lanqas ma tirrikjedi l-elaborazzjoni tar-regoli Ewropej ta' armonizzazzjoni minima msemmija fl-Artikolu 153(2)(b) TFUE. Peress li armonizzazzjoni eżawrjenti tal-kundizzjonijiet kollha tax-xogħol fl-Unjoni ma hijiex possibbli, ser jibqgħu jeżistu differenzi bejn il-leġiżlazzjoni tax-xogħol tal-Istat ta' oriġini u dik tal-Istat ospitanti.

84. Abbażi ta' din il-premessa, id-Direttiva 2018/957 tillimita ruħha li tiddikjara liema regoli tal-Istat ospitanti japplikaw għall-ħaddiem ikkollokat matul il-perijodu tal-provvista transnazzjonali ta' servizzi tal-impriża tiegħu. Interpretata b'dan il-mod, hija tixbah *regola ta' kunflitt*, li f'konformità magħha hija identifikata l-leġiżlazzjoni applikabbli, sabiex tiġi ffaċilitata l-libertà li jiġu pprovduti servizzi u, fl-istess ħin, sabiex tiġi ssalvagwardjata protezzjoni soċjali adegwata tal-ħaddiema kkollokati. Il-bażijiet legali tal-Artikolu 153(2) TFUE la jikkunsidraw u lanqas huma maħsuba għal każijiet bħal dawn.

85. Konsegwentement, l-Artikolu 153 TFUE ma huwiex bażi legali *iktar speċifika* mill-Artikoli 53(1) TFUE u 62 TFUE għal dak li jinteressana fil-preżent. Dawn l-aħħar żewġ artikoli kienu l-bażi legali għall-adozzjoni tad-Direttiva 96/71 u għandhom jeżerċitaw l-istess funzjoni għall-emenda tagħha, li ħaditha f'idejha d-Direttiva 2018/957. Sa fejn dan jirriżulta f'aġġustament mill-ġdid tal-bilanċ tal-interessi li wasal għalih il-leġiżlatur tal-Unjoni fl-1996, hija għandha l-istess bażi legali bħal dik tad-Direttiva 96/71, filwaqt li tibbilanċja l-bidliet li seħħew minn dak iż-żmien 'l hawn fil-movimenti transnazzjonali tal-ħaddiema.

## V. It-tieni motiv: ksur tal-Artikolu 153(5) TFUE

### *A. Argumenti*

86. Il-Gvern Ungeriż isostni li d-Direttiva 2018/957 tmur kontra l-Artikolu 153(5) TFUE sa fejn dan jeskludi s-setgħa leġiżlattiva tal-Unjoni fil-qasam tar-remunerazzjonijiet u fl-ambitu tar-relazzjonijiet tax-xogħol.

87. Fil-fehma tiegħu, hekk kif stabbilixxa li r-remunerazzjoni tal-ħaddiema għandha tkun konformi mal-leġiżlazzjoni fis-seħħ fl-Istat Membru ospitanti, il-leġiżlatur tal-Unjoni adotta direttiva li hija intiża essenzjalment għar-remunerazzjoni tar-relazzjoni ta' xogħol. Bħala bażijiet legali, huwa ddeċieda li jagħżel dawk indikati fid-Direttiva 2018/957, peress li dehrlu li fl-assenza ta' kompetenza tal-Unjoni din kienet l-unika possibbiltà li jirregola r-remunerazzjonijiet tax-xogħol, li huma wieħed mill-elementi essenzjali ta' din id-direttiva. Skont il-Gvern Ungeriż, b'dan il-mod huwa wettaq użu ħażin ta' poter.

88. Il-Kummissjoni, il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Gvernijiet tal-Istati Membri intervenjenti jikkunsidraw li dan it-tieni aggravju huwa infondat.

## *B. Evalwazzjoni*

89. Ma huwiex neċessarju li nagħti l-konklużjonijiet tiegħi dwar it-tieni motiv ladarba ladarba esprimejt ruħi fir-rigward tal-ewwel motiv. Għalhekk ser nindirizzah biss b'mod sussidjarju.

90. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, peress li l-Artikolu 153(5) TFUE (Artikolu 137(5) KE) jikkostitwixxi deroga mill-paragrafi 1 sa 4 tal-istess artikolu, dan għandu jiġi interpretat b'mod restrittivb sabiex ma tiġix affettwata indebitament il-portata ta' dawn l-aħħar paragrafi, u sabiex ma jiġux interpretati ħażin l-għanijiet tal-Artikolu 151 TFUE.

91. Ir-raġuni wara l-eċċezzjoni dwar il-"pagi [remunerazzjonijiet]" (kunċett użat fl-Artikolu 153(5) TFUE) tinsab fil-fatt li l-iffissar tas-salarji jaqa' taħt l-awtonomija kuntrattwali tal-imsieħba soċjali fuq livell nazzjonali u jikkorrispondi mal-kompetenza tal-Istati Membri f'dan il-qasam. Fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni, ir-remunerazzjonijiet ġew esklużi mill-armonizzazzjoni (skont l-Artikoli 151 TFUE *et seq.*, dwar il-politika soċjali tal-Unjoni)[62].

92. Din l-eċċezzjoni tikkonċerna miżuri li jinvolvu interferenza diretta mil-leġiżlatur tal-Unjoni fid-determinazzjoni tar-remunerazzjonijiet tax-xogħol. Dan ikun il-każ li kieku l-elementi kostituttivi tas-salarji jew tal-livell tagħhom kellhom jiġu standardizzati, kompletament jew parzjalment, fl-Istati Membri.

93. Madankollu, l-eċċezzjoni ma tistax tiġi estiża għal kwalunkwe aspett li *huwa relatat* mar-remunerazzjonijiet. Tali interpretazzjoni tkun iċċaħħad minn kull sens l-oqsma l-oħra msemmija fl-Artikolu 153(1) TFUE[63].

94. Id-Direttiva 2018/957 tillimita ruħha għall-koordinazzjoni tal-applikazzjoni u għall-identifikazzjoni ta' liema leġiżlazzjoni fil-qasam tax-xogħol (dik tal-Istat ospitanti jew dik tal-Istat ta' oriġini) tapplika għall-ħaddiema kkollokati. Hija f'ebda każ ma tiffissa l-ammonti tal-pagi li għandhom jitħallsu, li, nerġa' ntenni, hija r-responsabbiltà tal-Istat ospitanti u tal-Istat ta' oriġini, kull wieħed fit-territorju tiegħu.

95. L-eċċezzjoni tal-Artikolu 153(5) TFUE ma tistax tiġi kkontestata u ma tistax tipprekludi l-adozzjoni tad-Direttiva attwalment kontenzjuża. Dan huwa kkorroborat mill-premessa 17 tad-Direttiva 2018/957[64], billi tiġi rratifikata il-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri f'dak li jirrigwarda r-remunerazzjonijiet tax-xogħol.

96. Bl-istess mod, it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3(1) il-*ġdid* tad-Direttiva 96/71 jipprovdi espressament li "il-kunċett ta' remunerazzjoni għandu jiġi ddeterminat mil-liġi u/jew il-prattika nazzjonali tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jiġi stazzjonat [kkollokat] il-ħaddiem".

62 Sentenzi tal-15 ta' April 2008, Impact (C-268/06, EU:C:2008:223, punti 123 u 124); u tat-13 ta' Settembru 2007, Del Cerro Alonso (C-307/05, EU:C:2007:509), punti 39 u 40).

63 Sentenzi tad-19 ta' Ġunju 2014, Specht *et* (C-501/12 sa C-506/12, C-540/12 u C-541/12, EU:C:2014:2005, punt 33); tal-15 ta' April 2008, Impact (C-268/06, EU:C:2008:223, punt 125); u tat-13 ta' Settembru 2007, Del Cerro Alonso (C-307/05, EU:C:2007:509, punt 41).

64 "Huwa fil-kompetenza tal-Istati Membri li jistabbilixxu regoli dwar ir-remunerazzjoni f'konformità mal-liġi u/jew il-prattika nazzjonali. L-Istati Membri u s-sħab soċjali biss għandhom il-kompitu li jiffissaw il-pagi. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari biex ma jiġux imminati s-sistemi nazzjonali tal-iffissar tal-pagi jew il-libertà tal-partijiet involuti".

97. Id-Direttiva 2018/957 tispjega l-formulazzjoni preċedenti tad-Direttiva 96/71, li kienet tipprevedi r-"rati minimi ta' ħlas", billi tippreċiżaha iktar. Il-Qorti tal-Ġustizzja kienet diġà żgurat li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 96/71:

"— [...] jagħmel espliċitament riferiment, għall-finijiet tad-Direttiva, għal-liġi jew għall-prattika nazzjonali tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-ħaddiem jiġi kkollokat għad-determinazzjoni tar-rata ta' paga minima msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-istess Artikolu 3(1).

— F'dan il-kuntest, għandu jiġi kkonstatat li d-Direttiva 96/71 minnha nnifisha ma tipprovdi l-ebda element ta' definizzjoni materjali tal-paga minima. Għalhekk, id-definizzjoni ta' liema huma l-elementi kostituttivi ta' din il-paga, għall-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, għandha tingħata fid-dritt tal-Istat Membru kkonċernat, madankollu biss sakemm l-effett ta' din id-definizzjoni, kif tirriżulta mil-leġiżlazzjoni jew mill-ftehim kollettivi nazzjonali rilevanti jew mill-interpretazzjoni tagħhom mogħtija mill-qrati nazzjonali, ma jostakolax il-libertà li jiġu pprovduti servizzi bejn l-Istati Membri" [65].

98. Dawn id-dikjarazzjonijiet jistgħu jiġu estrapolati għar-riforma tad-Direttiva 96/71. Konsegwentement, jista' jiġi eskluż li d-Direttiva 2018/957 tarmonizza, mill-perspettiva sostantiva, ir-remunerazzjonijiet tal-ħaddiema kkollokati, u għalhekk ma tiksirx l-Artikolu 153(5) TFUE.

99. Il-Gvern Ungeriż jemmen li l-leġiżlatur tal-Unjoni wettaq użu ħażin ta' poter meta għażel il-bażijiet legali tad-Direttiva 2018/957; opinjoni li, kif inhi mistqarra, ma naqbilx magħha. Barra minn hekk, huwa ma jiddikjarax din iċ-ċirkustanza bħala motiv speċifiku ta' invalidità, meta kkunsidra l-fatt li l-leġiżlatur tal-Unjoni kiser l-Artikolu 153(5) TFUE, mingħajr ma ddetermina jekk l-aġir tiegħu jkunx ta' ħsara għall-proċedura leġiżlattiva speċjali tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 153(2) TFUE [66].

100. Għaldaqstant, it-tieni motiv għal annullament għandu jiġi miċħud.

## VI. It-tielet motiv: ksur tal-Artikolu 56 TFUE

101. Skont il-Gvern Ungeriż, id-Direttiva 2018/957 tmur kontra l-Artikolu 56 TFUE, li jistabbilixxi l-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Fil-fehma tiegħu, l-obbligi u r-restrizzjonijiet li hija timponi fuq l-impriżi stabbiliti fi Stat Membru meta jikkollokaw lill-ħaddiema fi Stat Membru ieħor, fil-kuntest ta' provvista ta' servizzi, huma diskriminatorji, mhux neċessarji u sproporzjonati meta mqabbla mal-għan li jfittxu li jilħqu. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet dwar it-trasport jiksru l-Artikolu 58(1) TFUE.

102. Il-kritika tal-Gvern Ungeriż hija bbażata fuq tliet elementi tad-Direttiva 2018/957, jiġifieri:

— il-punt 2(a) tal-Artikolu 1, li jissostitwixxi l-kunċett ta' "rati minimi ta' ħlas" b'dak ta' "remunerazzjoni" fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 96/71;

65 Sentenza Isbir, punti 36 u 37.

66 Att iġarrab użu ħażin ta' poter jekk ikun hemm indikazzjonijiet oġġettivi, rilevanti u konkordanti, li jkun ġie adottat esklużivament, jew tal-inqas b'mod determinanti, għal finijiet differenti minn dawk li għalihom ingħatat is-setgħa korrispondenti, jew biex tiġi evitata proċedura stabbilita speċifikament mit-TFUE sabiex jiġu indirizzati ċ-ċirkustanzi tal-każ (sentenzi tal-5 ta' Mejju 2015, Spanja vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-146/13, EU:C:2015:298, punt 56; u tas-16 ta' April 2013, Spanja u L-Italja vs Il-Kunsill, C-274/11 u C-295/11, EU:C:2013:240, punt 33).

— il-punt 2(b) tal-Artikolu 1, li jżid il-paragrafu 1a mal-Artikolu 3 tad-Direttiva 96/71, billi jipprevedi l-applikazzjoni kważi sħiħa tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg tal-Istat ospitanti għall-ħaddiem ikkollokat ta' iktar minn 12-il xahar, u

— l-Artikolu 3(3), li jikkonċerna s-settur tat-trasport bit-triq.

103. Il-Kummissjoni, il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Gvernijiet tal-Istati Membri intervenjenti jqisu li dan it-tielet aggravju ma huwiex fondat.

### *A. Kunsiderazzjoni preliminari: l-Artikolu 56 TFUE u direttivi ta' armonizzazzjoni dwar il-ħaddiema kkollokati*

104. Qabel ma nidħol fl-analiżi ta' dan il-motiv, ser nagħmel kunsiderazzjoni preliminari dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 56 TFUE għad-Direttiva 2018/957.

105. Kif jindika l-Parlament Ewropew, l-applikazzjoni tal-Artikolu 56 TFUE għal regola ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni hija mwettqa b'mod differenti minn dik użata sabiex jiġu kkontrollati l-miżuri nazzjonali li jirrestrinġu din il-libertà fundamentali.

106. Huwa minnu li l-projbizzjoni tar-restrizzjonijiet għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi tiġi applikata mhux biss għall-miżuri nazzjonali, iżda wkoll għal dawk li jinħarġu mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni [67]. Madankollu, għandu jitfakkar li l-leġiżlatur tal-Unjoni japprova r-regoli ta' armonizzazzjoni preċiżament sabiex jiffaċilità l-liberta li jiġu pprovduti servizzi, filwaqt li jiżgura l-protezzjoni tal-interessi soċjali fundamentali li dawn jistgħu jaffettwaw [68].

107. Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar *regoli nazzjonali* li jirrestrinġu il-moviment ta' ħaddiema kkollokati fil-kuntest tal-provvista transnazzjonali ta' servizzi, bla dubju, ma tistax tiġi estrapolata għar-*regoli tal-Unjoni* intiżi sabiex jarmonizzaw dan il-fenomenu, bħad-Direttiva 2018/957.

108. Bħalma diġà esponejt, mad-Direttiva 96/71, il-leġiżlatur tal-Unjoni għaqqad, f'termini mhux diskussi, tliet għanijiet li diffiċilment jistgħu jiġu kkoordinati: il-promozzjoni u l-iffaċilitar tal-provvista transkonfinali ta' servizzi, il-protezzjoni tal-ħaddiema kkollokati u l-iżgurar ta' kompetizzjoni leali bejn il-kompetituri barranin u dawk lokali. Sabiex jadattah għall-bidliet li seħħew, il-leġiżlatur tal-Unjoni kellu jaġġusta dan il-bilanċ permezz tad-Direttiva 2018/957 li tiffoka fuq wieħed minn dawn l-għanijiet (it-titjib tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema kkollokati).

109. Il-kontroll li tista' twettaq il-Qorti tal-Ġustizzja fuq il-validità ta' direttiva ta' armonizzazzjoni, fil-kuntest ta' rikors għal annullament, jimplika li għandu jiġi evalwat jekk din hijiex konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità, iżda ma jawtorizzax is-sostituzzjoni tal-għażliet

67 Sentenzi tat-2 ta' Settembru 2015, Groupe Steria (C-386/14, EU:C:2015:524, punt 39); tas-26 ta' Ottubru 2010, Schmelz (C-97/09, EU:C:2010:632, punt 50); u tat-18 ta' Settembru 2003, Bosal (C-168/01, EU:C:2003:479, punti 25 u 26). Ara, b'analoġija, fir-rigward tal-moviment liberu tal-merkanziji, is-sentenzi tal-25 ta' Ġunju 1997, Kieffer u Thill (C-114/96, EU:C:1997:316, punt 27); u tat-12 ta' Lulju 2012, Association Kokopelli (C-59/11, EU:C:2012:447, punt 80).

68 Sentenza tat-13 ta' Mejju 1997, Il-Ġermanja vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-233/94, EU:C:1997:231, punt 17): "[...] l-Istati Membri jistgħu, f'ċerti ċirkustanzi, jadottaw jew iżommu miżuri li jostakolaw il-moviment liberu. Huma preċiżament dawn l-ostakoli li l-Artikolu 57(2) tat-Trattat jawtorizza lill-Komunità telimina permezz tal-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar l-aċċess għall-attivitajiet ta' persuna li taħdem għal rasha u għall-eżerċizzju tagħhom. Minħabba li dawn huma miżuri ta' koordinazzjoni, il-Komunità tqis l-interess ġenerali mfittex mill-Istati Membri differenti u tadotta livell ta' protezzjoni ta' dan l-interess li jidher aċċettabbli fil-Komunità". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

politiċi sottostanti tal-kontenut tagħha. Bħala prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, dak ta' proporzjonalità "jeżiġi li l-miżuri implimentati permezz ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni jkunu xierqa sabiex jintlaħqu l-għanijiet leġittimi mfittxija mil-leġiżlazzjoni kkonċernata u ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex dawn jintlaħqu" [69].

110. Infakkar li, fir-rigward tal-kontroll ġudizzjarju tal-osservanza ta' dawn ir-rekwiżiti, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet dawn il-kriterji:

— "[...] rrikonoxxiet li l-leġiżlatur tal-Unjoni, fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-kompetenzi tiegħu, għandu setgħa diskrezzjonali wiesgħa fl-oqsma fejn l-azzjonijiet tiegħu jimplikaw għażliet ta' natura kemm politika, kif ukoll ekonomika jew soċjali u li fih ikollu jwettaq evalwazzjonijiet kumplessi. Għalhekk, il-kwistjoni ma tirrigwardax li jsir magħruf jekk miżura deċiża f'tali qasam kinitx l-unika jew l-aħjar possibbli, peress li hija biss in-natura manifestament inadegwata tagħha fid-dawl tal-għan li l-istituzzjonijiet kompetenti jridu jilħqu li tista' taffettwa l-legalità ta' din il-miżura" [70].

— "[...] is-setgħa diskrezzjonali wiesgħa tal-leġiżlatur tal-Unjoni, li timplika stħarriġ ġudizzjarju limitat tal-eżerċizzju tiegħu, ma tapplikax esklużivament għan-natura u għall-portata tad-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati, iżda wkoll, f'ċerta miżura, għall-konstatazzjoni tad-data bażika" [71].

— "[...] il-leġiżlatur tal-Unjoni huwa obbligat li jibbaża l-għażla tiegħu fuq kriterji oġġettivi u li jeżamina jekk l-għanijiet li jridu jinkisbu mill-miżura magħżula humiex ta' natura li jiġġustifikaw konsegwenzi ekonomiċi negattivi, anki kunsiderevoli, għal ċerti operaturi" [72].

— "[m]inbarra dan kollu, anki stħarriġ ġudizzjarju ta' portata limitata jirrikjedi li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, awturi tal-att inkwistjoni, ikunu f'pożizzjoni li jistabbilixxu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja li l-att kien ġie adottat permezz ta' eżerċizzju effettiv tas-setgħa diskrezzjonali tagħhom, li jippreżupponi t-teħid inkunsiderazzjoni tal-elementi u taċ-ċirkustanzi kollha rilevanti tas-sitwazzjoni li dan l-att kien intiż li jirregola. Minn dan jirriżulta li dawn l-istituzzjonijiet għandhom, tal-inqas, ikunu f'pożizzjoni li jipprovdu u jesponu b'mod ċar u mhux ekwivoku d-data bażika li kellha tittieħed inkunsiderazzjoni sabiex fuqha jiġu bbażati l-miżuri kkontestati tal-imsemmi att u li fuqha kien jiddependi l-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tagħhom" [73].

111. Fid-dawl ta' dawn il-kriterji, il-leġiżlatur tal-Unjoni kellu setgħa diskrezzjonali wiesgħa f'qasam daqstant kumpless bħal dak tal-kollokament transnazzjonali ta' ħaddiema. Il-kwistjoni li tqum hija dik dwar jekk huwa għamilx użu *manifestament* mhux xieraq minn din is-setgħa meta biddel il-bilanċ tal-interessi li għalih kien wasal fid-Direttiva 96/71, billi introduċa l-bidliet li tinkludi d-Direttiva 2018/957.

69 Sentenza Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Parlament u Il-Kunsill, punt 76.

70 *Ibidem*, punt 77 u l-ġurisprudenza ċċitata.

71 *Ibidem*, punt 78 u l-ġurisprudenza ċċitata.

72 *Ibidem*, punt 79 u l-ġurisprudenza ċċitata. Skont l-Artikolu 5 tal-Protokoll (Nru 2) dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u ta' proporzjonalità, anness mat-TUE u mat-TFUE, l-abbozzi ta' atti leġiżlattivi għandhom debitament jikkunsidraw in-neċessità li kull piż fuq l-operaturi ekonomiċi jitnaqqas kemm jista' jkun u jkun proporzjonali għall-għan li għandu jintlaħaq.

73 *Ibidem*, punt 81 u l-ġurisprudenza ċċitata.

### *B. L-ewwel parti tat-tielet motiv: protezzjoni suffiċjenti tal-ħaddiema kkollokati mir-regoli tal-Istat ta' oriġini tal-impriża li tipprovdi servizzi*

#### *1. Argumenti*

112. Skont il-Gvern Ungeriż, id-Direttiva 2018/957 tikser l-Artikolu 56 TFUE peress li, billi tipprevedi l-applikazzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-Istat ospitanti għall-ħaddiema kkollokati, hija tinjora l-użu tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku. Fil-fehma tiegħu, il-protezzjoni tad-drittijiet ta' dawn il-ħaddiema hija żgurata b'mod suffiċjenti mil-leġiżlazzjoni tal-Istat ta' oriġini. Is-sottomissjoni tagħhom għal-leġiżlazzjoni tal-Istat ospitanti tmur kontra l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku u toħloq ostakolu għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi [74]. Id-Direttiva 2006/123/KE [75] wkoll timponi l-obbligu li jiġu rrikonoxxuti l-kundizzjonijiet tax-xogħol stabbiliti minn Stat Membru ieħor f'konformità mad-dritt tal-Unjoni.

113. B'mod partikolari, għall-Gvern Ungeriż, l-ekwiparazzjoni fil-pagi bejn il-ħaddiema kkollokati u l-ħaddiema lokali tal-Istat ospitanti kif ukoll il-kważi t-totalità tal-ekwiparazzjoni ma' dawn tal-aħħar ta' ħaddiema kkollokati fit-tul iqiegħdu f'dubju l-kapaċità tas-salarju minimu tal-Istat ospitanti sabiex jiżgura l-għajxien xieraq tal-ħaddiema kkollokati u jiġi llimitat il-vantaġġ komparattiv ta' ċerti "Stati Membri ġodda" bi spejjeż salarjali iktar baxxi. Barra minn hekk, fl-analiżi tal-impatt tagħha, il-Kummissjoni ma pprovdietx data li tiġġustifika n-neċessità tal-bidliet introdotti mid-Direttiva 2018/957.

114. Fl-aħħar nett, il-Gvern Ungeriż jenfasizza d-disparità bejn l-applikazzjoni tal-istandards tax-xogħol tal-Istat ospitanti, imposta mid-Direttiva 2018/957, u l-iskema tas-sigurtà soċjali applikabbli għall-ħaddiema kkollokati, irregolata mir-Regolament (KE) Nru 883/2004 [76]. Dan tal-aħħar jippreskrivi s-sottomissjoni u l-applikazzjoni tar-regoli dwar is-sigurtà soċjali tal-Istat ta' oriġini għall-ħaddiem ikkollokat peress li huma l-iktar xierqa għall-protezzjoni tad-drittijiet tiegħu.

115. Il-Kummissjoni, il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Gvernijiet tal-Istati Membri intervenjenti jikkunsidraw li din il-parti tat-tielet motiv hija infondata.

#### *2. Evalwazzjoni*

116. Fil-fehma tiegħi, hemm diversi raġunijiet li jmorru kontra l-argumenti tal-Gvern Ungeriż.

[74] Is-sentenza tad-9 ta' Awwissu 1994, Vander Elst (C-43/93, EU:C:1994:310, punt 16), tiddikjara li "[...] l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, bħala prinċipju fundamentali tat-Trattat, tista' tiġi limitata biss minn leġiżlazzjonijiet iġġustifikati mill-interess ġenerali u li japplikaw għal kull persuna jew impriża li teżerċita attività fl-Istat ta' destinazzjoni, sa fejn dan l-interess ma huwiex imħares mir-regoli li għalihom il-fornitur huwa suġġett fl-Istat Membru fejn huwa stabbilit [...]". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

[75] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU 2006, L 376, p. 36).

[76] Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kap. 5, Vol. 5, p. 72), emendat bir-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 (ĠU 2009, L 284, p. 1, u r-rettifika fil-ĠU 2016, L 288, p. 58), u bir-Regolament (UE) Nru 465/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 (ĠU 2012, L 149, p. 4).

117. L-ewwel nett, id-Direttiva 2006/123 ma tistax tiġi invokata sabiex jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tal-Istat ta' oriġini għall-ħaddiema kkollokati. Din id-direttiva ma taffettwax id-dritt tax-xogħol[77] u lanqas il-leġiżlazzjoni nazzjonali fir-rigward tas-sigurtà soċjali tal-Istati Membri[78]. Barra minn hekk, l-Artikolu 3(1)(a) tagħha jipprovdi li d-Direttiva 96/71 tipprevali fuq id-Direttiva 2006/123 fil-każ ta' kunflitt "li jirregola aspetti speċifiċi ta' aċċess għal jew l-eżerċizzju ta' attività ta' servizz fis-setturi speċifiċi jew għal professjonijiet speċifiċi"[79].

118. It-tieni nett, il-ġurisprudenza inizjali tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kompatibbiltà mal-Artikolu 56 TFUE tal-miżuri nazzjonali restrittivi tal-kollokament tal-ħaddiema kienet ħadet inkunsiderazzjoni l-kundizzjonijiet ta' protezzjoni ta' dawn il-ħaddiema fl-Istat ta' oriġini tal-impriża tagħhom[80]. Din l-istess orjentazzjoni nżammet fil-ġurisprudenza ta' wara d-Direttiva 96/71, fir-rigward tar-restrizzjonijiet li ma kinux jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha[81]. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tqisx ir-regoli tal-Istat ta' oriġini meta tiġi biex tapplika l-Artikolu 3 tad-Direttiva 96/71 għall-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema peress li dan ineħħi l-effett utli ta' din ir-regola[82].

119. It-tielet nett, l-analiżi tal-impatt imfassla mill-Kummissjoni[83] kien fiha data u elementi suffiċjenti sabiex issostni l-proposta regolatorja li wasslet għall-adozzjoni tad-Direttiva 2018/957. Huwa minnu li, kif tammetti l-Kummissjoni stess, id-data dwar il-movimenti transnazzjonali tal-ħaddiema ma kinitx totalment preċiża, peress li din kienet toriġina mill-informazzjoni pprovduta mill-korpi nazzjonali tas-sigurtà soċjali wara l-ħruġ tal-formoli A1. Id-differenzi salarjali bejn xi pajjiżi u oħrajn ġew ukoll imqabbla mill-Kummissjoni ma' data approssimattiva.

120. Madankollu, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tagħti lil-leġiżlatur tal-Unjoni setgħa diskrezzjonali wiesgħa fil-verifika tad-data bażika, li hija neċessarja għall-adozzjoni ta' att leġiżlattiv. Il-kontroll ġudizzjarju fuq din l-evalwazzjoni għandu jkun limitat[84]. Issa, id-dokument ta' impatt tal-Kummissjoni kien jipprovdi biżżejjed data sabiex jiġġustifika l-adozzjoni tad-Direttiva 2018/957. Matul il-proċedura leġiżlattiva din id-data ma ġietx ikkontestata u serviet bħala appoġġ għall-Kummissjoni sabiex tistudja diversi alternattivi u tagħżel, b'mod fundamentali, dik li kienet tikkostitwixxi t-tisħiħ tal-protezzjoni tal-ħaddiema.

121. Ir-raba' nett, ma nqisx xieraq li l-iskema tas-sigurtà soċjali tal-ħaddiema kkollokati (Regolament Nru 883/2004) tiġi estrapolata għall-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom.

77 L-Artikolu 1(6) tagħha jagħti x'jifhem li liġi tal-impjieg hija "kwalunkwe dispożizzjoni legali jew kuntrattwali dwar il-kondizzjonijiet ta' l-impjieg, il-kondizzjonijiet tax-xogħol, kif ukoll is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u r-relazzjoni bejn min jimpjega u l-ħaddiema, li l-Istati Membri japplikaw skond il-liġi nazzjonali li tirrispetta l-liġi Komunitarja".

78 Sentenza Čepelnik, punti 29 sa 36.

79 Il-premessa 86 tad-Direttiva 2006/123 tikkonferma wkoll li din ir-regola ġenerali ta' armonizzazzjoni fil-qasam tal-kummerċjalizzazzjoni tas-servizzi fis-suq intern ma testendix għall-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjieg li, skont id-Direttiva 96/71, japplikaw għall-ħaddiema kkollokati sabiex jipprovdu servizz fit-territorju ta' Stat Membru ieħor.

80 Sentenza Arblade *et*, punt 34.

81 Sentenzi De Clercq *et*, punti 45 sa 47; u tas-7 ta' Ottubru 2010, Santos Palhota *et* (C-515/08, EU:C:2010:589, punti 25 sa 27 u 45).

82 Sentenza Laval un Partneri, punt 80.

83 SWD(2016) 52 final, 8.3.2016, Commission Staff Working Document Impact Assessment accompanying the document Proposal for a Directive of the European Parliament and the Council amending Directive 96/71/EC concerning the posting of workers in the framework of the provision of services.

84 Sentenza Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Parlament u Il-Kunsill, punt 77.

122. Il-Kunsill jargumenta li l-loġika tar-regoli tal-Unjoni li jikkoordinaw l-iskemi nazzjonali tas-sigurtà soċjali hija maħsuba għal relazzjoni bejn id-detentur tad-drittijiet u l-obbligi u l-Istat ta' assistenza. Huwa għalhekk li l-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 883/2004 jimponi, bħala prinċipju prinċipali, l-issuġġettar tal-persuni għal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru wieħed, li normalment huwa dak tal-post tax-xogħol effettiv, b'mod konformi mal-prinċipju *lex loci laboris*.

123. Madankollu, dan il-prinċipju ġenerali għandu xi eċċezzjonijiet. Fost dawn, hija enfasizzata ż-żamma tar-rabta esklużiva tal-ħaddiem mal-iskema tas-sigurtà soċjali tal-Istat ta' oriġini (jiġifieri, dak li fih normalment topera l-impriża li timpjega), meta dan il-ħaddiem jiġi kkollokat mill-impriża fi Stat Membru ieħor għal perijodu limitat, sa mhux iżjed minn 24 xahar, bil-kundizzjoni li jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 883/2004 [85].

124. Din l-eċċezzjoni ma tistax tiġi estiża għall-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema kkollokati peress li dawn huma relazzjonijiet ġuridiċi bejn parti dgħajfa (il-persuna impjegata) u oħra li għandha forza maġġuri (l-impriża li timpjega). Sabiex tiġi protetta aħjar l-ewwel waħda huwa neċessarju li l-applikazzjoni tar-regoli tax-xogħol tal-Istat tal-oriġini tiġi kkombinata ma' regoli oħra tal-Istat ospitanti.

125. Id-Direttiva 96/71 tissodisfa din l-ispirazzjoni peress li tiggarantixxi lill-ħaddiema kkollokati l-applikazzjoni tan-nukleu bażiku tal-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-Istat ospitanti (estiż bid-Direttiva 2018/957), filwaqt li tippermetti li elementi oħra tar-relazzjoni ta' xogħol ikomplu jiġu rregolati mil-liġi tal-Istat ta' oriġini tagħhom. F'dan ir-rigward, dan josserva r-Regolament Ruma I [86], li ser nirreferi għalih iktar 'il quddiem.

126. Fil-qosor, is-soluzzjoni tar-Regolament Nru 883/2004 għas-sigurtà soċjali tal-ħaddiema kkollokati (suġġetta għar-regoli tal-Istat ta' oriġini) ma tistax tiġi estiża għall-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom, li għalihom għandha tapplika parzjalment il-leġiżlazzjoni tal-Istat ospitanti flimkien ma' dik tal-Istat ta' oriġini tagħhom [87].

127. Fl-aħħar nett, ma huwiex il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tissostitwixxi l-evalwazzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni bl-evalwazzjoni tagħha nnifisha. Kif diġà fakkart, hija għandha tivverifika biss jekk il-leġiżlatur tal-Unjoni manifestament aġixxiex lil hinn mis-setgħa diskrezzjonali wiesgħa li huwa għandu fir-rigward tal-valutazzjonijiet u tal-evalwazzjonijiet kumplessi li huwa kellu jwettaq.

128. F'dan il-każ ma jidhirlix li l-leġiżlatur tal-Unjoni għażel miżuri "ta' natura manifestement inadegwata" fir-rigward tal-għan imfittex [88]. F'dan l-istess sens, huwa ma marx lil hinn mis-setgħa diskrezzjonali wiesgħa li kien igawdi meta biddel l-iskema preċedenti, fi kwistjoni daqstant kumplessa daqs dik tal-kollokament transnazzjonali tal-ħaddiema.

[85] L-eċċezzjoni hija ispirata mix-xewqa li tiġi mħeġġa, sa fejn huwa possibbli, il-libertà li jiġu pprovduti servizzi u li jiġu evitati kumplikazzjonijiet amministrattivi inutili u għaljin u ta' klassi oħra li ma humiex fl-interess tal-ħaddiema, la tal-impriżi, u lanqas l-amministrazzjonijiet tas-sigurtà soċjali.

[86] Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I) (ĠU 2008, L 177, p. 6, u r-rettifika fil-ĠU 2009, L 309, p. 87).

[87] L-unika eċċezzjoni għal din ir-regola hija prevista fl-Artikolu 3(7) tad-Direttiva 96/71, li jipprevedi li l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tax-xogħol tal-Istat ospitanti ma tipprekludix l-applikazzjoni ta' kundizzjonijiet tax-xogħol iktar favorevoli għall-ħaddiema. Dan ifisser li l-ħaddiem ikkollokat jista' jkompli jibbenefika mil-leġiżlazzjoni tax-xogħol u mill-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-pajjiż ta' oriġini meta dawn ikunu iktar favorevoli minn dawk tal-Istat ospitanti. F'dawn iċ-ċirkustanzi l-Istat ospitanti għandu jirrikonoxxi l-validità tal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Istat ta' oriġini u mhux jimponi restrizzjonijiet addizzjonali fuq il-kollokament tal-ħaddiema bil-għan li jitwettqu provvisti transnazzjonali ta' servizzi.

[88] Sentenza Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Parlament u Il-Kunsill, punt 77.

## *C. It-tieni parti tat-tielet motiv: ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni*

### *1. Argumenti*

129. Għall-Gvern Ungeriż, id-Direttiva 2018/957 tikser il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, li jipprojbixxi l-applikazzjoni ta' regoli differenti għal sitwazzjonijiet paragunabbli jew regoli ugwali għal sitwazzjonijiet differenti [89].

130. L-ewwel nett, is-sostituzzjoni tal-obbligu li l-ħaddiema kkollokati jitħallsu s-salarju minimu sabiex tiġi żgurata lilhom l-istess remunerazzjoni bħall-ħaddiema lokali twassal għal diskriminazzjoni għad-detriment tal-impriżi li jipprovdu servizzi li jikkollokaw il-ħaddiema tagħhom meta mqabbla mal-impriżi lokali. Id-diskriminazzjoni tinsab fil-fatt li l-impriżi tal-Istat ospitanti huma obbligati biss li jħallsu lill-impjegati tagħhom ir-rata tas-salarju minimu stabbilit mid-dritt nazzjonali, filwaqt li l-impriżi ta' Stati Membri oħra li jikkollokaw il-ħaddiema għandhom iħallsulhom remunerazzjoni li tiġi ddeterminata mill-prattiki nazzjonali u li, fil-fehma tal-Gvern Ungeriż, tkun neċessarjament ogħla mir-rata tas-salarju minimu.

131. It-tieni nett, il-Gvern Ungeriż isostni li l-applikazzjoni tal-istess regoli għall-ħaddiema kkollokati fit-tul u għall-ħaddiema lokali, skont l-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 96/71, hija inkompatibbli mal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni peress li dawn iż-żewġ kategoriji ma jinstabux f'sitwazzjonijiet paragunabbli.

132. L-obbligu għall-impriżi li jikkollokaw il-ħaddiema li jħallsuhom l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, tal-akkomodazzjoni jew tal-ikel (l-Artikolu 3(7) ġdid tad-Direttiva 96/71) ukoll imur kontra l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.

133. Il-Kummissjoni, il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Gvernijiet tal-Istati Membri intervenjenti jqisu li din il-parti tat-tielet aggravju hija infondata.

### *2. Evalwazzjoni*

134. Id-Direttiva 96/71, kif emendata bid-Direttiva 2018/957, ma tikkunsidrax bħala identiċi, ikkunsidrati flimkien, is-sitwazzjonijiet tal-ħaddiema kkollokati u dawk tal-ħaddiema lokali tal-Istat ospitanti.

135. B'hekk, l-Artikolu 3(1) tagħha jelenka b'mod restrittiv l-oqsma li għalihom il-leġiżlazzjoni tal-Istat ospitanti tapplika għall-ħaddiema kkollokati sabiex tiġi ggarantita l-ugwaljanza fit-trattament mal-ħaddiema lokali [90]. Fl-oqsma l-oħra, din ma timponix trattament ugwali bejn individwu u ieħor.

136. Is-sostituzzjoni tat-terminu "rati minimi ta' ħlas" b'dak ta' "remunerazzjoni", li għalih ser nirreferi iktar 'il quddiem, ma joħloqx id-diskriminazzjoni allegata mill-Ungerija, għad-detriment tal-impriżi li jikkollokaw il-ħaddiema.

89 Sentenzi tat-22 ta' Marzu 2007, Talotta (C-383/05, EU:C:2007:181, punt 18); u Laval un Partneri, punt 115.

90 Dan huwa nukleu ta' regoli imperattivi ta' protezzjoni minima applikabbli f'oqsma li fihom l-Istat ospitanti jista' jeżiġi l-osservanza tad-dritt intern tiegħu (sentenzi Laval un Partneri, punt 59; u tad-19 ta' Ġunju 2008, Il-Kummissjoni vs Il-Lussemburgu, C-319/06, EU:C:2008:350, punt 26).

137. Fil-fatt, skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3(1) il-ġdid, "il-kunċett ta' remunerazzjoni għandu jiġi ddeterminat mil-liġi u/jew il-prattika nazzjonali tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jiġi stazzjonat [kkollokat] il-ħaddiem u jfisser l-elementi kostitwenti kollha tar-remunerazzjoni magħmula *obbligatorji*[91] permezz ta' dispożizzjonijiet leġislattivi, regolamentari jew amministrattivi, ftehimiet kollettivi jew sentenza ta' arbitraġġ nazzjonali li, f'dak l-Istat Membru, tkun ġiet iddikjarata universalment applikabbli jew tapplika mod ieħor f'konformità mal-paragrafu 8".

138. Għaldaqstant, l-impriżi li jikkollokaw il-ħaddiema għandhom iħallsuhom biss remunerazzjoni li tinkludi s-salarju minimu miżjud b'kull element obbligatorju ieħor fl-Istat ospitanti. L-elementi tar-remunerazzjoni kif iddefiniti japplikaw ukoll għall-ħaddiema lokali, minħabba n-natura obbligatorja tagħhom skont id-dritt intern tal-Istat ospitanti, u għandhom jitħallsu mill-impriżi stabbiliti f'dan l-aħħar Stat, mingħajr ma jkun hemm differenza fit-trattament. Naturalment, id-Direttiva 2018/957 ma tippreċiżax liema elementi tar-remunerazzjoni huma obbligatorji, liema kwistjoni li hija riżolta mid-dritt tal-Istat ospitanti.

139. Kif jirriżulta mill-analiżi tal-impatt tal-Kummissjoni, id-Direttiva 2018/957 eskludiet l-impożizzjoni ta' *ekwiparazzjoni totali* bejn ir-remunerazzjoni tal-ħaddiema kkollokati u dawk lokali[92].

140. Fir-rigward tal-allegata diskriminazzjoni minħabba l-applikazzjoni tal-istess regoli għall-ħaddiema kkollokati fit-tul u għall-ħaddiema lokali, ser nillimita ruħi li ninsisti fuq il-fatt li l-Artikolu 3(1a) tad-Direttiva 96/71 ma jistabbilixxix l-istess trattament għal dawn iż-żewġ tipi ta' ħaddiema. Din id-dispożizzjoni *tqarreb* l-iskema tal-ħaddiema kkollokati fit-tul ma' dik tal-ħaddiema lokali, iżda ma *tekwiparahomx*, preċiżament għaliex is-sitwazzjoni tagħhom hija differenti.

141. Lanqas ma nara diskriminazzjoni fl-obbligu impost fuq l-impriżi li jikkollokaw il-ħaddiema li jħallsulhom l-ispejjeż tal-ivvjaġġar, tal-akkomodazzjoni jew tal-ikel. Dawn huma spejjeż sostnuti minħabba l-kollokament innifsu, li l-persuna li timpjega għandha tħallas lill-ħaddiem skont il-leġiżlazzjoni jew il-prattiki nazzjonali applikabbli għar-relazzjoni tax-xogħol, li hija dik tal-pajjiż ta' oriġini. Id-dispożizzjoni korrispondenti tad-Direttiva tindika fuq il-bażi ta' liema dritt nazzjonali għandhom jitħallsu l-ispejjeż li jirriżultaw mill-kollokament, billi l-Istati Membri huma liberi li jirregolawhom fid-dritt nazzjonali tagħhom[93]. Ma narax liema tip ta' diskriminazzjoni tista' tinħoloq minn din ir-regola.

### *D. It-tielet parti tat-tielet motiv: ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità*

#### *1. Argumenti*

142. Għall-Gvern Ungeriż, id-Direttiva 2018/957 tipprekludi u tostakola l-provvista transnazzjonali ta' servizzi bil-kollokament tal-ħaddiema fis-suq intern peress li hija sempliċement iżżid il-protezzjoni tal-ħaddiema kkollokati. Għalhekk ma hijiex xierqa sabiex jintlaħqu l-għanijiet imfittxija u tikser il-prinċipju ta' proporzjonalità.

91 Enfasi miżjuda minni.

92 Punt 4.5.2 tad-Dokument SWD(2016) 52 final, tat-8 ta' Marzu 2016.

93 Ara l-premessa 19 tad-Direttiva 2018/957.

143. Il-Kummissjoni, il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Gvernijiet tal-Istati Membri intervenjenti jqisu li din il-parti tat-tielet aggravju hija infondata.

## *2. Evalwazzjoni*

144. Il-prinċipju ta' proporzjonalità jeżiġi li l-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni jkunu xierqa sabiex jintlaħqu l-għanijiet leġittimi tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni u ma jmorrux lil hinn mil-limiti ta' dak li huwa neċessarju sabiex dawn jintlaħqu [94].

145. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni, meta jkollhom jagħmlu għażliet ta' natura teknika u jwettqu previżjonijiet u evalwazzjonijiet kumplessi, għandhom setgħa diskrezzjonali wiesgħa. Il-Qorti tal-Ġustizzja sempliċement tivverifika jekk il-leġiżlatur tal-Unjoni *manifestement* aġixxiex lil hinn minn din is-setgħa diskrezzjonali wiesgħa billi għażel miżuri evidentement inadegwati jew sproporzjonati meta mqabbla mal-għan li għandu jintlaħaq [95].

146. Naqbel mal-Kunsill u mal-Parlament li l-leġiżlatur tal-Unjoni osserva r-rekwiżiti tal-prinċipju ta' proporzjonalità meta adotta d-Direttiva 2018/957.

147. Ser neżamina l-argumenti tal-Gvern Ungeriż dwar in-natura sproporzjonata tad-dispożizzjonijiet dwar il-ħaddiema kkollokati fit-tul fir-raba' parti ta' dan it-tielet motiv, sabiex jiġu evitati repetizzjonijiet.

148. Fir-rigward tar-remunerazzjoni tal-ħaddiema kkollokati, is-sostituzzjoni li d-Direttiva 2018/957 tagħmel tal-kunċett ta' "rati minimi ta' ħlas" b'dak ta' "remunerazzjoni" kienet iġġustifikata, fl-analiżi tal-impatt ippubblikata mill-Kummissjoni, minħabba d-diffikultajiet ikkawżati mill-użu tal-ewwel wieħed minn dawn il-kunċetti fl-implimentazzjoni tad-Direttiva 96/71.

149. Sabiex tirrimedja din is-sitwazzjoni l-Kummissjoni studjat is-soluzzjonijiet possibbli u l-konsegwenzi ekonomiċi tagħhom. Hija għażlet dik li hija qieset l-iktar xierqa, jiġifieri li twettaq riforma limitata tad-Direttiva 96/71, li seħħet permezz tal-adozzjoni tad-Direttiva 2018/957, billi eskludiet il-pubblikazzjoni ta' komunikazzjoni interpretattiva jew in-nuqqas ta' emenda tad-Direttiva 96/71 [96].

150. Fil-fehma tiegħi tali soluzzjoni ma tmurx kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità u ma tipprevedix restrizzjoni inkompatibbli mal-Artikolu 56 TFUE. Hemm diversi argumenti li jappoġġjaw dan.

94 Sentenzi tat-8 ta' Ġunju 2010, Vodafone *et* (C-58/08, EU:C:2010:321, punt 51); tat-12 ta' Lulju 2012, Association Kokopelli (C-59/11, EU:C:2012:447, punt 38); u tas-16 ta' Ġunju 2015, Gauwiler *et* (C-62/14, EU:C:2015:400, punt 67).

95 Sentenzi Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Parlament u Il-Kunsill, punt 78; u tat-8 ta' Lulju 2010, Afton Chemical (C-343/09, EU:C:2010:419, punt 46).

96 Dokument SWD(2016) 52 final, tat-8 ta' Marzu 2016, p. 23 *et seq.*

151. L-ewwel nett, it-terminu "rati minimi ta' ħlas" kien qajjem diffikultajiet prattiċi[97], kif turi l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u, b'mod partikolari, is-sentenza tagħha Sähköalojen ammattiliitto[98]. Fiha ingħatat interpretazzjoni wiesgħa, li tinkludi:

— Il-possibbiltà li jiġi kkalkolat is-salarju minimu għal kull siegħa jew għal kull biċċa xogħol, ibbażat fuq il-klassifikazzjoni tal-ħaddiema fi gruppi ta' remunerazzjoni, hekk kif jipprevedu l-ftehimiet kollettivi fl-Istat Membru ospitanti, sa fejn dan il-kalkolu u din il-klassifikazzjoni jsiru skont regoli vinkolanti u trasparenti; fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti nazzjonali.

— Allowance ta' kuljum, taħt l-istess kundizzjonijiet bħal dawk li għalihom hija suġġetta l-inklużjoni ta' din l-allowance fis-salarju mħallas lill-ħaddiema waqt kollokament ġewwa l-Istat Membru ospitanti.

— Allowance għat-traġitt ta' kuljum, imħallsa lill-ħaddiema bil-kundizzjoni li t-tul tal-vjaġġ bir-ritorn ta' kuljum ikun ta' iktar minn siegħa.

— Il-bonus tal-vaganzi li għandu jingħata għall-perijodu minimu tal-leave annwali mħallas.

152. Il-leġiżlatur tal-Unjoni ħa inkunsiderazzjoni dawn id-diffikultajiet ermenewtiċi, kif ukoll l-interpretazzjoni wiesgħa proposta mill-Qorti tal-Ġustizzja, billi adotta d-Direttiva 2018/957 u inkluda l-kunċett ta' remunerazzjoni fl-Artikolu 3(1) u (7) tad-Direttiva 91/76.

153. Barra minn hekk, din il-bidla tippermetti li tiġi llimitata l-prattika tal-impriżi li, billi jikkollokaw lill-ħaddiema tagħhom, jista' jkollhom it-tendenza li jħallsuhom is-salarju minimu, irrispettivament mill-kategorija tagħhom, il-funzjonijiet tagħhom, il-kwalifiki professjonali tagħhom u l-anzjanità tagħhom, li twassal għal differenza fir-remunerazzjoni meta mqabbla mal-ħaddiema lokali f'sitwazzjoni simili[99].

154. Waqt is-seduta, il-Kummissjoni reġgħet tenniet dak li kien diġà kkonstatat fl-analiżi tal-impatt tagħha: li l-identifikazzjoni tar-"rati minimi ta' ħlas" tad-Direttiva 96/71 bis-salarju minimu legalment iffissat mil-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istat ospitanti kienet, fil-prattika, ħolqot distakk fis-salarju bejn il-ħaddiema lokali u l-ħaddiema kkollokati, b'mod partikolari f'setturi bħal dak tal-kostruzzjoni.

155. It-tieni nett, l-istabbiliment tar-rati minimi ta' ħlas skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 96/71 huwa l-kompitu tal-leġiżlazzjoni jew tal-prattiki nazzjonali tal-Istat Membru ospitanti[100]. Il-metodu ta' kalkolu ta' dawn ir-rati u l-kriterji magħżula f'dan ir-rigward huma wkoll ir-responsabbiltà ta' dan l-Istat Membru[101]. Il-leġiżlazzjonijiet jew

[97] Waqt is-seduta, il-Gvern Franċiż insista fuq dawn id-diffikultajiet prattiċi billi indika li fi Franza ssir distinzjoni bejn il-paga minima (SMIC) u r-"rati minimi ta' ħlas" tad-Direttiva 96/71. Dawn tal-aħħar jinkludu, flimkien mal-paga minima, bonus għax-xogħol billejl u għall-perikolu, li għandhom jitħallsu wkoll lill-ħaddiema kkollokati.

[98] Punti 38 sa 70.

[99] Dokument SWD(2016) 52 final, tat-8 ta' Marzu 2016, p. 10 u 11.

[100] "[I]l-kompitu sabiex jiddefinixxi liema huma l-elementi li jikkostitwixxu l-kunċett ta' salarju minimu, għall-applikazzjoni ta' din id-direttiva, jaqa' taħt id-dritt tal-Istat Membru tal-kollokazzjoni, sakemm din id-definizzjoni, kif din tirriżulta mil-leġiżlazzjoni jew mill-ftehimiet kollettivi nazzjonali rilevanti jew mill-interpretazzjoni li tingħata lilhom mill-qrati nazzjonali, ma jkollhiex l-effett li tostakola l-libertà li jiġu pprovduti servizzi bejn l-Istati Membri". Sentenzi Sähköalojen ammattiliitto, punt 34; u Isbir, punt 37.

[101] Sentenza Sähköalojen ammattiliitto, punt 39.

il-prattiki nazzjonali għall-kalkolu tal-paga minima huma eteroġenji ħafna (u mhux dejjem trasparenti) fl-Istati Membri tal-Unjoni, liema fatt jagħmel diffiċli l-kollokament tal-ħaddiema taħt kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u paragunabbli ma' dawk tal-ħaddiema lokali [102].

156. Fl-analiżi tal-impatt tagħha, il-Kummissjoni ġġustifikat li l-kunċett ta' *remunerazzjoni* ppermetta li jiġu kkoreġuti dawn l-iżbilanċi u li tittejjeb il-protezzjoni tal-ħaddiema kkollokati billi nħolqu kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni iktar ġusti bejn l-impriżi lokali u dawk li jikkollokaw il-ħaddiema sabiex jipprovdu servizzi, b'mod partikolari fis-setturi b'volum qawwi ta' ħaddiema [103].

157. Mill-osservazzjonijiet indikati iktar 'il fuq jista' jiġi dedott li l-leġiżlatur tal-Unjoni osserva r-rekwiżiti tal-prinċipju ta' proporzjonalità, mingħajr ma aġixxa *manifestament* lil hinn mis-setgħa diskrezzjonali wiesgħa tiegħu f'qasam tekniku u kumpless bħal dan, meta għażel miżura (l-introduzzjoni tal-kunċett ta' remunerazzjoni) adattata għat-twettiq tal-għanijiet imfittxija. Din il-miżura tiffaċilita, min-naħa tagħha, l-aħjar protezzjoni tal-ħaddiema kkollokati u l-garanzija ta' diversi kundizzjonijiet ekwi ta' kompetizzjoni bejn l-impriżi lokali u dawk li jikkollokaw il-ħaddiema tagħhom.

### *E. Ir-raba' parti tat-tielet motiv: ksur tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi li jirriżulta mill-iskema tal-ħaddiema kkollokati fit-tul*

#### *1. Argumenti*

158. Il-Gvern Ungeriż isostni li l-iskema speċifika għall-ħaddiema kkollokati fit-tul (l-Artikolu 3(1)(a) il-ġdid tad-Direttiva 96/71) hija inkompatibbli mal-Artikolu 56 TFUE.

159. Din l-iskema tkun tirrestrinġi l-attività tal-impriżi li jikkollokaw il-ħaddiema fil-kuntest tal-provvista transnazzjonali ta' servizzi b'mod sproporzjonat u mhux iġġustifikat, billi temenda l-liġi applikabbli għall-ħaddiem ikkollokat fit-tul u billi tapplika għalih il-kundizzjonijiet kollha tax-xogħol tal-Istat Membru ospitanti. B'dan il-mod, anki d-delimitazzjonijiet bejn il-libertà li jiġu pprovduti servizzi u l-moviment liberu tal-ħaddiema ma humiex ċari.

160. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Gvernijiet tal-Istati Membri intervenjenti jqisu li l-iskema l-ġdida għall-ħaddiema kkollokati fit-tul hija ġġustifikata, tosserva l-prinċipju ta' proporzjonalità u ma tmurx kontra l-Artikolu 56 TFUE.

#### *2. Evalwazzjoni*

161. Il-kategorija l-ġdida tal-ħaddiema kkollokati fit-tul hija differenti minn dik tal-ħaddiema kkollokati "ordinarji". Il-kriterju li jiddistingwi huwa d-durata effettiva tal-kollokament: jekk hija iktar minn 12-il xahar (b'mod eċċezzjonali 18), is-sitwazzjoni ta' ħaddiem ikkollokat *ordinarju* tinbidel f'dik ta' ħaddiem ikkollokat *fit-tul*.

[102] Ara Fondazione Giacomo Brodolini (FGB), *Study on wage setting systems and minimum rates of pay applicable to posted workers in accordance with Directive 97/71/EC in a selected number of Member States and sectors*, Final report, November 2015; Schiek, Oliver, Forde, Alberti, *EU Social and Labour Rights and EU Internal Market Law*, Study for the EMPL Committee, European Parliament, September 2015 (http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2015/563457/IPOL_STU%282015%29563457_EN.pdf);

[103] Dokument SWD(2016) 52 final, tat-8 ta' Marzu 2016, p. 11 sa 14.

162. Ladarba jiddekorri dan il-perijodu, il-ħaddiem ikkollokat (issa, fit-tul) igawdi minn sistema legali differenti: minbarra l-kundizzjonijiet tax-xogħol imsemmija fl-Artikolu 3(1), ikunu japplikaw għalih il-kundizzjonijiet tal-Istat Membru fejn jitwettaq ix-xogħol.

163. Madankollu, kif jirriżulta mill-premessa 9 tagħha [104], id-Direttiva 2018/957 ma twassalx għal assimilazzjoni assoluta tal-ħaddiema kkollokati fit-tul mal-ħaddiema lokali (ċittadini nazzjonali jew minn Stati Membri oħra li eżerċitaw il-libertà ta' moviment tagħhom).

164. Il-ħaddiema kkollokati fit-tul jibqgħu jżommu sitwazzjoni legali stabbilita (koperta) mil-libertà li jiġu pprovduti servizzi, kif tindika l-premessa 10 tad-Direttiva 2018/957 [105].

165. Kuntrarjament għat-teżi sostnuta mill-Gvern Ungeriż, l-Artikolu 3(1a) l-ġdid tad-Direttiva 2018/957 ma jġibx lill-ħaddiema kkollokati fit-tul fuq l-istess livell ta' dawk lokali, peress li:

— Skont din id-dispożizzjoni, "[l]-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu ma għandux japplika għall-kwistjonijiet li ġejjin: (a) il-proċeduri, il-formalitajiet u l-kondizzjonijiet tal-konklużjoni u t-terminazzjoni tal-kuntratt ta' impjieg, inkluż klawżoli ta' nonkompetizzjoni; (b) skemi ta' pensjoni okkupazzjonali tal-irtirar supplementari".

— Skont l-Artikolu 3(1a), "it-termini u l-kondizzjonijiet tal-impjieg kollha tal-Istat Membru fejn jitwettaq ix-xogħol" ser japplikaw għall-ħaddiema kkollokati għal żmien twil, "irrispettivament minn liema liġi tapplika għar-relazzjonijiet tal-impjieg". Dan jimplika li, għal din il-kategorija ta' ħaddiema kkollokati, id-dritt internazzjonali privat li fuqu hija bbażata r-relazzjoni legali tagħhom ma huwiex emendat, kif jindika l-Parlament Ewropew fl-osservazzjonijiet tiegħu [106].

— L-ekwiparazzjoni tal-ħaddiema kkollokati fit-tul ma' dawk lokali sseħħ fir-rigward tat-"termini u l-kondizzjonijiet kollha tal-impjieg tal-Istat Membru fejn jitwettaq ix-xogħol". Għandhom jinftiehmu bħala tali "il-kondizzjonijiet tax-xogħol u l-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema", li huma rregolati mid-Direttiva 96/71, skont l-Artikolu 1(1) il-ġdid tagħha. Għalhekk id-disparitajiet jinżammu f'oqsma bħalma huma s-sigurtà soċjali jew it-tassazzjoni.

166. Fil-fehma tiegħi, ir-regolamentazzjoni ta' din il-kategorija l-ġdida ta' ħaddiema kkollokati fit-tul hija ġġustifikata u tinvolvi restrizzjonijiet proporzjonati għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, li huma kompatibbli mal-Artikolu 56 TFUE.

104 "L-istazzjonar [il-kollokament] huwa ta' natura temporanja. Il-ħaddiema stazzjonati [kkollokati] normalment jirritornaw lejn l-Istat Membru li minnu ġew stazzjonati wara li jkunu lestew ix-xogħol li għalih kienu ġew stazzjonati. Madankollu, minħabba d-durata twila ta' xi stazzjonamenti [kollokamenti] u b'rikonoxximent tar-rabta bejn is-suq tax-xogħol tal-Istat Membru ospitanti u l-ħaddiema stazzjonati għal tali perijodi twal, fejn l-istazzjonament idum għal perijodi itwal minn 12-il xahar jenħtieġ li l-Istati Membri ospitanti jiżguraw li impriżi li jistazzjonaw [jikkollokaw] ħaddiema fit-territorju tagħhom jiggarantixxu lil dawk il-ħaddiema sett addizzjonali ta' termini u kondizzjonijiet tal-impjieg li jkunu applikabbli b'mod obbligatorju għall-ħaddiema fl-Istat Membru fejn jitwettaq ix-xogħol. Dak il-perijodu jenħtieġ li jiġi estiż fejn il-fornitur tas-servizz jippreżenta notifika motivata."

105 "Huwa neċessarju li tiġi żgurata protezzjoni akbar tal-ħaddiema biex tkun salvagwardata l-libertà li jiġu pprovduti, kemm fil-perijodu qasir kif ukoll dak fit-tul, servizzi fuq bażi ġusta, b'mod partikolari billi jiġi evitat l-abbuż tad-drittijiet garantiti mit-Trattati. Madankollu, ir-regoli li jiżguraw tali protezzjoni għall-ħaddiema ma jistgħux jaffettwaw id-dritt ta' dawk impriżi li jistazzjonaw [jikkollokaw] ħaddiema fit-territorju ta' Stat Membru ieħor li jinvokaw il-libertà li jipprovdu servizzi, inkluż f'każijiet fejn stazzjonament [kollokament] jaqbeż it-12-il xahar jew, fejn applikabbli, it-18-il xahar. Kwalunkwe dispożizzjoni applikabbli għal ħaddiema stazzjonati [kkollokati] fil-kuntest ta' stazzjonament li jaqbeż it-12-il xahar jew, fejn applikabbli, it-18-il xahar għandha b'hekk tkun kompatibbli ma' dik il-libertà. Skont każistika stabbilita, restrizzjonijiet għal-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi huma permissibbli biss jekk ikunu ġustifikati minn raġunijiet imperattivi ta' interess pubbliku u jekk ikunu proporzjonati u neċessarji".

106 Il-Kummissjoni rrakkomandat il-bidla tas-sistema legali għall-kuntratt individwali ta' xogħol fil-każ ta' ħaddiema kkollokati fit-tul, billi rrakkomandat li jiġi applikat fil-konfront tagħhom id-dritt tax-xogħol tal-pajjiż ospitanti. Ara l-Artikolu 2a tal-proposta tal-Kummissjoni COM(2016) 128 final u l-analiżi tal-impatt SWD(2016) 52 final, p. 25.

167. L-istabbiliment ta' terminu ta' 12-il xahar (b'mod eċċezzjonali 18-il xahar) jelimina l-inċertezza li teżisti fil-verżjoni inizjali tad-Direttiva 96/71, li l-Artikolu 2(1) tagħha kien jikkunsidra lill-ħaddiem li kien iwettaq ix-xogħol tiegħu f'pajjiż li ma huwiex l-Istat ta' oriġini tiegħu "għall-perjodu limitat" bħala ħaddiem ikkollokat. Nistqarr li r-regola l-ġdida ċċarat din l-inċertezza billi ċċarat li ħaddiem ikun jitqies bħala ħaddiem ikkollokat fit-tul jekk ikompli l-kollokament tiegħu għal iktar minn 12-il xahar (jew 18-il xahar).

168. L-istatus ta' ħaddiem ikkollokat fit-tul jidhirli li huwa wkoll raġonevoli peress li jadatta ruħu għas-sitwazzjoni tal-ħaddiema li jirrisjedu fl-istat ospitanti għal perijodu twil, peress li l-parteċipazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol ta' dan l-Istat hija ikbar. Huwa loġiku (u proporzjonat) li, f'din is-sitwazzjoni, japplika għalihom numru ikbar ta' regoli tax-xogħol tal-Istat ta' destinazzjoni, filwaqt li tinżamm ir-rabta tagħhom mal-Istat ta' oriġini tal-impriża li timpjegahom.

169. Fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3(1a) l-ġdid, din l-emenda hija akkumpanjata mid-dispożizzjoni li ġejja: "Fejn impriża kif imsemmi fl-Artikolu 1(1) tissostitwixxi ħaddiem stazzjonat [ikkollokat] b'ħaddiem stazzjonat ieħor li jwettaq l-istess xogħol fl-istess post, id-durata tal-istazzjonament, għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, għandha tkun id-durata kumulattiva tal-perijodi ta' stazzjonament [kollokament] tal-ħaddiema stazzjonati [kkollokati] individwali kkonċernati". Bla ħsara għall-fatt li, fil-prattika, din id-dispożizzjoni tista' toħloq ċerta diffikultà, jidhirli li huwa xieraq, f'termini ġenerali, li jiġu evitati l-evażjoni u l-abbuż tad-Direttiva, bis-sostituzzjoni ta' ħaddiema kkollokati minn oħrajn fl-istess post tax-xogħol.

### *F. Il-ħames parti tat-tielet motiv: ksur tal-Artikolu 58(1) TFUE*

#### *1. Argumenti*

170. Il-Gvern Ungeriż isostni li l-Artikolu 3(3) l-ġdid tad-Direttiva 2018/957, jikser l-Artikolu 58(1) TFUE sa fejn jestendi l-applikazzjoni tar-regoli ta' din id-direttiva dwar il-kollokament tal-ħaddiema għas-settur tat-trasport.

171. Il-Kummissjoni, il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Gvernijiet tal-Istati Membri intervenjenti jqisu li din il-parti tat-tielet motiv hija ineffettiva jew infondata.

#### *2. Evalwazzjoni*

172. Il-moviment liberu tas-servizzi fil-qasam tat-trasport ma huwiex irregolat mill-Artikolu 56 TFUE, li b'mod ġenerali jikkonċerna l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, iżda huwa rregolat mid-dispożizzjonijiet, b'mod partikolari, tal-Artikolu 58(1) TFUE. Skont dan "[i]l-moviment liberu tas-servizzi fil-qasam tat-trasport għandu jiġi regolat mid-dispożizzjonijiet ta' l-intestatura dwar it-trasport" [107], jiġifieri, l-Artikoli 90 TFUE sa 100 TFUE.

173. Għalkemm il-bażi legali tiegħu hija esklużivament ir-regoli dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi (Artikoli 53(1) TFUE u 62 TFUE) u mhux dawk dwar il-politika komuni tat-trasport (Artikolu 91 TFUE), jista' jiġi argumentat li d-Direttiva 96/71 tapplika għas-servizzi ta' trasport [108].

107 Sentenzi Dobersberger, punt 24; u tat-22 ta' Diċembru 2010, Yellow Cab Verkehrsbetrieb (C-338/09, EU:C:2010:814, punt 29).

108 Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Szpunar tad-29 ta' Lulju 2019, fil-kawża Dobersberger (C-16/18, EU:C:2019:638, punt 36).

174. Id-Direttiva 96/71 teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha l-"impriżi ta' marina merkantili fejn għandhom x'jaqsmu l-baħħara"[109], u minn dan isegwi li l-leġiżlatur għandu l-intenzjoni li japplikaha għal servizzi oħra fil-qasam tat-trasport. Dan huwa kkonfermat mir-riferiment, fid-Direttiva 2014/67, għall-"ħaddiema mobbli fis-settur tat-trasport"[110] u r-riferimenti għall-applikazzjoni tad-Direttiva 96/71 għat-trasport tal-kabotaġġ f'atti regolatorji oħra tal-Unjoni[111].

175. B'riferiment għall-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2018/957, din testendi "għas-settur tat-trasport bit-triq mid-data tal-applikazzjoni ta' att leġislattiv li jemenda d-Direttiva 2006/22/KE fir-rigward tar-rekwiżiti ta' infurzar u li jistabbilixxi regoli speċifiċi fir-rigward tad-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE għall-istazzjonar tax-xufiera fil-qasam tat-trasport bit-triq".

176. Għalhekk, kif tikkonferma l-premessa 15[112] tad-Direttiva 2018/957, l-emendi li hija tagħmel fid-Direttiva 96/71 ser japplikaw biss għas-settur tat-trasport bit-triq fil-futur, u mhux b'mod inkundizzjonat, madankollu, meta jiġi adottat att leġiżlattiv li jemenda d-Direttiva 2006/22 u li jinkludi regoli speċifiċi fir-rigward tad-Direttivi 96/71 u 2014/67.

177. Jekk dan huwa l-każ, l-Artikolu 3(3) l-ġdid tad-Direttiva 2018/957, fir-realtà ma jinkludi ebda leġiżlazzjoni sostantiva dwar il-kollokamenti tal-ħaddiema fis-settur tat-trasport u b'ebda mod ma jemenda s-sistema ta' applikazzjoni tad-Direttiva 96/71 għal dan is-settur[113].

178. L-att leġiżlattiv il-ġdid, li diġà ġie propost mill-Kummissjoni[114], ser ikun dak li jinkludi dawn l-istandards. Xejn ma jipprekludi l-fatt li dan l-att ikollu wkoll bħala bażi legali l-Artikolu 91 TFUE.

179. Fil-qosor, ma narax ksur tal-Artikolu 58(1) TFUE mill-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2018/957.

180. Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nissuġġerixxi li t-tielet motiv għal annullament għandu jiġi miċħud kollu kemm hu.

109 Ara l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 96/71.

110 Ara l-Artikolu 9(1)(b) tad-Direttiva 2014/67. Id-dikjarazzjoni konġunta annessa fl-att tas-seduta tal-Kunsill "Xogħol u Kwistjonijiet Soċjali" tal-24 ta' Settembru 1996 (Dokument 10048/96 add. 1, tal-20 ta' Settembru 1996, Anness C.1) jindika li mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 96/71 huma esklużi l-ħaddiema mobbli fil-qasam tat-trasport ferrovjarju, fuq l-art, bl-ajru jew fuq ix-xmajjar biss fejn ma jkunx hemm il-provvista ta' servizzi transazzjonali bil-kollokament tal-ħaddiem.

111 Il-premessa 11 tar-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija (ĠU 2009, L 300, p. 72, u r-rettifika fil-ĠU 2018, L 241, p. 14), u l-premessa 17 tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tas-servizzi tal-kowċ u x-xarabank u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 (ĠU 2009, L 300, p. 88, u r-rettifiki fil-ĠU 2015, L 272, p. 15, u fil-ĠU 2018, L 243, p. 21).

112 "Minħabba n-natura mobbli ħafna tal-ħidma fit-trasport internazzjonali bit-triq, l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva f'dak is-settur tqajjem kwistjonijiet u diffikultajiet legali partikolari, li għandhom jiġu indirizzati, fil-qafas tal-pakkett tal-mobbiltà, permezz ta' regoli speċifiċi għat-trasport bit-triq ukoll bit-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-frodi u l-abbuż".

113 L-applikazzjoni tad-Direttiva 96/71 għall-ħaddiema kkollokati fis-settur tat-trasport bit-triq hija s-suġġett ta' analiżi fil-Kawża C-815/18, Federatie Nederlandse Vakbeweging, pendenti quddiem l-Awla Manja.

114 COM(2017) 278 final, tal-31 ta' Mejju 2017, Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/22 fir-rigward ta' rekwiżiti tal-infurzar u li tistabbilixxi regoli speċifiċi rigward id-Direttiva 96/71 u d-Direttiva 2014/67 għall-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq.

## VII. Ir-raba' motiv: ksur tal-Artikolu 56 TFUE minħabba l-esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 96/71 tal-azzjonijiet kollettivi tal-ħaddiema

### *A. Argumenti*

181. Skont il-Gvern Ungeriż, l-Artikolu 1(1a), introdott mid-Direttiva 2018/957 fid-Direttiva 96/71, jikser l-Artikolu 56 TFUE minħabba li jeskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu l-eżerċizzju tad-dritt ta' strajk u ta' azzjonijiet oħra li jaqgħu taħt is-sistemi ta' relazzjonijiet tax-xogħol tal-Istati Membri kif ukoll l-eżerċizzju tad-dritt ta' negozjar, ta' konklużjoni u ta' infurzar ta' ftehimiet kollettivi kif ukoll li jitwettqu azzjonijiet kollettivi.

182. Tali esklużjoni tmur kontra l-ġurisprudenza Laval un Partneri u tippermetti l-eżerċizzju tad-dritt ta' strajk u ta' negozjar kollettiv skont id-drittijiet nazzjonali u lil hinn mir-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, hija tiffaċilita restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi minn impriżi ta' Stati oħra permezz tal-kollokament ta' ħaddiema.

183. Il-Kummissjoni, il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Gvernijiet tal-Istati Membri intervenjenti jqisu li dan ir-raba aggravju huwa infondat.

### *B. Evalwazzjoni*

184. L-Artikolu 1(1a) l-ġdid jiċċara l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 96/71. Jekk, b'mod ġenerali, din id-direttiva tipprevedi "dispożizzjonijiet obbligatorji rigward il-kondizzjonijiet tax-xogħol u l-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema" kkollokati, il-paragrafu 1a jeskludi mill-kamp tiegħu, *inter alia*, "id-dritt jew il-libertà tal-istrajk jew li jittieħdu azzjonijiet oħra koperti bis-sistemi speċifiċi ta' relazzjonijiet industrijali fl-Istati Membri, f'konformità mal-liġi u/jew il-prassi nazzjonali. Lanqas ma taffettwa d-dritt tan-negozjar, il-konklużjoni u l-infurzar ta' ftehimiet kollettivi, jew li tittieħed azzjoni kollettiva f'konformità mal-liġi u/jew il-prassi nazzjonali".

185. Id-Direttiva 2018/957 ma tintroduċi ebda novità fid-Direttiva 96/71 f'dak li jirrigwarda l-azzjonijiet kollettivi. Fil-premessa 22, huwa ddikjarat b'mod preċiż li din id-direttiva "hija mingħajr preġudizzju għal-liġi ta' l-Istati Membri dwar azzjoni kollettiva biex tiddefendi l-interessi ta' snajja' u professjonijiet".

186. L-interpretazzjoni mogħtija mill-Gvern Ungeriż fir-rigward ta' din id-dispożizzjoni tirriżulta, fil-fehma tiegħi, minn żball ta' interpretazzjoni. In-nuqqas ta' applikazzjoni tad-Direttiva 96/71 għad-drittijiet ta' azzjoni kollettiva tal-ħaddiema ma jfissirx li l-eżerċizzju tagħhom ma huwiex suġġett għar-regoli nazzjonali l-oħra u għad-dritt tal-Unjoni. L-imsemmi Artikolu 1(1a) jibda billi jipprovdi li "[d]in id-Direttiva ma għandha bl-ebda mod taffettwa l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali kif rikonoxxuti fl-Istati Membri u fil-livell tal-Unjoni, inkluż [...]".

187. Konsegwentement, din id-dispożizzjoni ma tipprekludix l-applikazzjoni, fil-każijiet ta' kollokament ta' ħaddiema, tal-Artikolu 28 tal-Karta jew tal-ġurisprudenza preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet kollettivi tal-ħaddiema u l-effett tagħhom fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi.

188. Għalhekk, ma narax li l-Artikolu 1(1a) l-ġdid tad-Direttiva 96/71 jirrestrinġi l-libertà li jiġu pprovduti servizzi u nipproponi li dan il-motiv għal annullament għandu jiġi miċħud.

## VIII. Il-ħames motiv: ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali minħabba l-inkompatibbiltà tad-Direttiva 2018/957 mar-Regolament Nru 593/2008 (Ruma I)

### *A. Argumenti*

189. Il-ħames motiv, fir-realtà jinkludi żewġ partijiet distinti mingħajr rabta kbira bejniethom.

— Minn naħa, il-Gvern Ungeriż isostni li d-Direttiva 2018/957 tmur kontra r-Regolament Nru 593/2008 kif ukoll kontra l-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' ċarezza leġiżlattiva, peress li temenda l-applikazzjoni ta' dan ir-regolament mingħajr ma tbiddel il-formulazzjoni tiegħu, li jwassal għal inċertezza legali kbira fir-rigward tal-applikazzjoni tajba tiegħu.

— Min-naħa l-oħra, huwa jallega li n-nuqqas ta' preċiżjoni tal-kunċett ta' "remunerazzjoni" joħloq inċertezza u għaldaqstant jinkisru l-prinċipji ta' ċarezza leġiżlattiva u, konsegwentement, dawk ta' ċertezza legali.

190. Il-Kummissjoni, il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Gvernijiet tal-Istati Membri intervenjenti jqisu li dan il-ħames aggravju huwa infondat.

### *B. Evalwazzjoni tal-ewwel parti tal-ħames motiv: relazzjoni bejn id-Direttiva 2018/957 u r-Regolament Nru 593/2008 (Ruma I)*

191. L-Artikolu 8(1) tar-Regolament Ruma I jistabbilixxi, b'mod ġenerali, ir-regola ta' kunflitt applikabbli għall-kuntratti individwali ta' xogħol, li hija l-liġi magħżula mill-partijiet (fil-kundizzjonijiet li jindika huwa stess). Sa fejn din l-għażla ma saritx, "il-kuntratt għandu jkun regolat mil-liġi tal-pajjiż li fih jew, fin-nuqqas ta' dan, li minnu l-impjegat abitwalment jeżerċita l-impjieg tiegħu fl-eżekuzzjoni tal-kuntratt. Il-pajjiż li fih ix-xogħol abitwalment jitwettaq m'għandux jitqies li nbidel jekk il-persuna tiġi impjegata temporanjament f'pajjiż ieħor" (paragrafu 2).

192. L-Artikolu 23 tar-Regolament Ruma I jinkludi eċċezzjoni għall-applikabbiltà tar-regoli tiegħu dwar il-kunflitt tal-liġijiet: huwa jippermetti li, jekk id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni jistabbilixxu regoli dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi kuntrattwali dwar ċerti kwistjonijiet, dawn ir-regoli jgawdu minn prijorità [115].

193. Għalhekk, ir-regoli ġenerali tar-Regolament Ruma I dwar l-għażla tal-liġi jċedu favur ir-regoli speċjali li jaqgħu, f'dan ir-rigward, taħt dispożizzjonijiet speċifiċi tad-dritt tal-Unjoni [116].

115 Skont l-Artikolu 23 tar-Regolament Ruma I, "[…] dan ir-Regolament m'għandux jippreġudika l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet tal-liġi Komunitarja li, fir-rigward ta' kwistjonijiet partikolari, jistipulaw regoli tal-konflitt tal-liġijiet relatati ma' obbligazzjonijiet kuntrattwali".

116 Ara l-analiżi ta' Van Hoek, A., "Re-embedding the transnational employment relationship: a tale about the limitations of (EU) law?", *Common Market Law Review*, 2018, Nru 3, pp. 455 sa 460.

194. Kuntrarjament għal dak li jsostni l-Gvern Ungeriż, jiena tal-fehma li l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 96/71 (għall-ħaddiema kkollokati ordinarji) u l-Artikolu 3(1)(a) l-ġdid (għall-ħaddiema kkollokati fit-tul), jikkostitwixxu *regoli speċjali* ta' kunflitt ta' liġijiet[117], li l-applikazzjoni tagħhom għandha tiġi kkombinata ma' dawk tar-Regolament Ruma I[118].

195. Dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet tad-Direttiva 96/71, flimkien mal-liġi applikabbli skont ir-regoli ta' kunflitt abitwali, jimponu d-dispożizzjonijiet li ġejjin tad-dritt tal-Istat ospitanti:

— għall-ħaddiema kkollokati ordinarji, dawk relatati mal-kundizzjonijiet (ta' xogħol u ta' protezzjoni tas-sigurtà u tas-saħħa tal-ħaddiema) li huma speċifikati fil-lista eżawrjenti msemmija fl-Artikolu 3(1);

— fir-rigward tal-ħaddiema kkollokati fit-tul, minbarra l-imsemmija kundizzjonijiet, jiġu applikati l-kumplament tal-kundizzjonijiet tal-Istat ospitanti, kif espost iktar 'il fuq (Artikolu 3(1a)).

196. Kif isostni l-Kunsill fl-osservazzjonijiet tiegħu, il-proċess ta' tfassil tar-Regolament Ruma I jagħti prova li l-Artikolu 23 tiegħu jkopri l-eċċezzjoni prevista mid-Direttiva 96/71, peress li l-proposta tal-Kummissjoni kienet tinkludi anness ta' regoli speċjali li kienu jinsabu f'dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni, fosthom dawk tad-Direttiva 96/71[119].

197. Il-premessa 11 tad-Direttiva 96/71 tikkorrobora din id-dikjarazzjoni meta tistabbilixxi li l-Konvenzjoni (issostitwita bir-Regolament Ruma I) "ma taffettwax l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li, f'relazzjoni għal l-kwistjoni partikolari, jistabilixxu regoli ta' l-għażla tal-liġi dwar l-obbligazzjonijiet kontrattwali u li huma jew ikunu miżmuma f'atti ta' l-instuzzjonijiet tal-Komunitajiet Ewropew jew fil-liġijiet nazzjonali armonizzati fl-implimentazzjoni ta' dawn l-atti".

198. L-istess japplika għall-premessa 40 tar-Regolament Ruma I, li jipprovdi li "[…] [m]adankollu dan ir-Regolament m'għandux jeskludi l-possibbiltà ta' inklużjoni ta' regoli tal-konflitt tal-liġijiet relatati ma' l-obbligazzjonijiet kuntrattwali f'dispożizzjonijiet tal-liġi Komunitarja fir-rigward ta' kwistjonijiet partikolari".

199. Il-prinċipju ta' ċertezza legali għalhekk ma jitlobx, kuntrarjament għal dak li ssostni l-Ungerija, li l-emenda tad-Direttiva 96/71, imwettqa mid-Direttiva 2018/957, tkun akkumpanjata minn emenda tar-Regolament Ruma I.

200. L-Artikolu 23 ta' dan ir-regolament jippermetti l-koeżistenza tar-regoli speċjali tad-Direttiva 96/71 ma' dawk ġenerali tal-Artikolu 8 tal-imsemmi regolament fir-rigward tal-kuntratti tal-ħaddiema kkollokati. Hemm ċarezza, prevedibbiltà u preċiżjoni suffiċjenti fir-relazzjoni bejn dawn iż-żewġ tipi ta' regoli u, għaldaqstant, osservanza tal-prinċipju ta' ċertezza legali[120].

117 Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Wahl fil-kawża Sähköalojen ammattiliitto (C-396/13, EU:C:2014:2236, punti 47 sa 53).

118 Fir-realtà, id-Direttiva 96/71 ma tiħux post ir-Regolament Ruma I, iżda timponi l-artikolazzjoni taż-żewġ testi. Skont l-Artikolu 3(1) u (1a), "[l]-Istati Membri għandhom jiżguraw, irrispettivament minn liema liġi tkun tapplika għar-relazzjonijiet tal-impjieg […]", li jiġu applikati ċertu numru ta' kundizzjonijiet ta' xogħol fil-pajjiż ospitanti. Dan jimplika li għandha tiġi ddeterminata l-liġi applikabbli għall-kuntratt tax-xogħol skont l-Artikolu 8 ta' Ruma I, iżda li l-konsegwenzi tagħha jiġu llimitati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 3(1) u (1a) tad-Direttiva 96/71, li għall-kuntratt tax-xogħol jiġu applikati, fi kwalunkwe każ, ċerti kundizzjonijiet tax-xogħol irregolati mir-regoli tal-Istat ospitanti.

119 Ara d-Dokument COM(2005) 650 final, tal-15 ta' Diċembru 2005, p. 24.

120 Skont ġurisprudenza stabbilita, il-prinċipju ta' ċertezza legali jirrikjedi li r-regoli tad-dritt ikunu ċari, preċiżi u prevedibbli fl-effett tagħhom, sabiex il-persuni kkonċernati jkunu jistgħu jorjentaw ruħhom f'sitwazzjonijiet u f'relazzjonijiet legali li jagħmlu parti mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni (sentenza tal-5 ta' Mejju 2015, Spanja vs Il-Kunsill, C-147/13, EU:C:2015:299, punt 79).

201. Ma teżistix kontradizzjoni fir-rigward ta' din l-affermazzjoni, bħalma tiddikjara l-Ungerija, peress li t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3(1a) l-ġdid tad-Direttiva 96/71 jipprevedi regola kontra l-frodi għall-każijiet ta' kollokament ta' sostituzzjoni, li għalihom għamilt riferiment iktar 'il fuq [121]. F'dan il-każ, il-kuntratt ta' kull ħaddiem li jipparteċipa fis-sostituzzjoni jista' jkun suġġett għal-leġiżlazzjoni ta' pajjiż differenti u din id-dispożizzjoni żżid unikament kundizzjoni sabiex tiġi evitata l-frodi fir-relazzjoni bejn id-Direttiva 96/71 u r-Regolament Ruma I.

## *C. Evalwazzjoni tat-tieni parti tal-ħames motiv: in-nuqqas ta' determinazzjoni tal-kunċett ta' "remunerazzjoni" introdott mid-Direttiva 2018/957*

202. Għall-Gvern Ungeriż, in-nuqqas ta' determinazzjoni u ta' ċarezza tal-kunċett il-ġdid ta' "remunerazzjoni", minflok dak preċedenti "rati minimi ta' ħlas", huwa inkompatibbli maċ-ċarezza regolatorja li jimponi l-prinċipju ta' ċertezza legali.

203. Din il-parti tal-ħames motiv ta' annullament hija bbażata fuq it-tieni motiv, li diġà pproponejt li jiġi miċħud.

204. Jidher kemxejn paradossali li l-Gvern Ungeriż ma jressaqx din l-istess oġġezzjoni (inċertezza legali) għall-kunċett preċedenti tad-Direttiva 96/71 [122], li l-interpretazzjoni tiegħu kienet il-kawża ta' ċerti diffikultajiet, iżda minflok iressaqha fil-konfront ta' regola intiża sabiex tegħleb dawn id-diffikultajiet ermenewtiċi.

205. Huwa ugwalment paradossali li ssir l-akkuża li qiegħda tiġi pperikolata ċ-ċertezza legali ta' test tad-dritt sekondarju, meta l-kunċett li qiegħed jiġi kkritikat jidher bħala tali fl-Artikolu 153(5) TFUE.

206. Il-kunċett ta' *remunerazzjoni* tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 3(1) il-ġdid tad-Direttiva 96/71 huwa marbut ma' dak li jiddeterminaw il-leġiżlazzjoni jew il-prattiki nazzjonali tal-Istat Membru li fih huwa kkollokat il-ħaddiem. Fir-rigward tal-kontenut tiegħu, dan għandu jinkludi l-elementi kostitwenti kollha li huma obbligatorji skont il-liġijiet, ir-regolamenti jew id-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali jew il-ftehimiet kollettivi jew is-sentenzi ta' arbitraġġ li, f'dan l-Istat Membru, ġew iddikjarati li japplikaw universalment jew japplikaw bi kwalunkwe mod ieħor skont il-paragrafu 8.

207. Il-premessa 17 tad-Direttiva 2018/957 tfakkar li l-iffissar tar-regoli dwar ir-remunerazzjoni jaqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri. Dawn tal-aħħar, jew l-imsieħba soċjali, għandhom ukoll ir-responsabbiltà li jistabbilixxu s-salarji. Dan huwa kkorroborat mill-Artikolu 153(5) TFUE, billi jeskludi r-remunerazzjonijiet mill-kompetenza ta' armonizzazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni fil-qasam tal-politika soċjali.

208. Id-diverġenzi bejn ir-regoli applikabbli għar-remunerazzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema kkollokati huma għalhekk inevitabbli sakemm l-Unjoni jkollha l-kompetenza ta' armonizzazzjoni fir-rigward tagħhom. L-istess japplika, kif diġà esponejt, għall-kunċett tar-"rati minimi ta' ħlas" użat fil-verżjoni inizjali tad-Direttiva 96/71, li kien jeħtieġ kjarifiki min-naħa tal-Qorti tal-Ġustizzja.

121 "Fejn impriża [...] tissostitwixxi ħaddiem stazzjonat [ikkollokat] b'ħaddiem stazzjonat ieħor li jwettaq l-istess xogħol fl-istess post, id-durata tal-istazzjonament [kollokament], għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, għandha tkun id-durata kumulattiva tal-perijodi ta' stazzjonament tal-ħaddiema stazzjonati individwali kkonċernati".

122 Dan ġie ddikjarat waqt is-seduta.

209. Huwa minnu li t-terminu "remunerazzjonijiet" jeħtieġ, bħall-maġġoranza tat-termini użati f'dan il-qasam, xogħol interpretattiv li jiddefinixxi l-limiti tiegħu. Madankollu din il-karatteristika, komuni għal diversi kunċetti oħra simili, ma hijiex biżżejjed sabiex issostni, kif jargumenta l-Gvern Ungeriż, li l-kunċett ta' introduzzjoni mid-Direttiva 2018/957 huwa indeterminat sal-punt li jikser il-prinċipju ta' ċertezza legali.

210. Barra minn hekk, infakkar li, sabiex jiġu rrimedjati l-problemi li jistgħu jaffaċċjaw il-ħaddiema kkollokati u l-impriżi tagħhom, ir-raba' u l-ħames subparagrafu tal-Artikolu 3(1) il-ġdid tad-Direttiva 96/71 jimponu fuq l-Istati Membri dmir ta' trasparenza, li abbażi tiegħu huma għandhom jipprovdu l-informazzjoni rilevanti, eżatta u aġġornata fuq sit internet dwar, fost oħrajn, "l-elementi kostitwenti tar-remunerazzjoni kif imsemmi fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu u t-termini u l-kondizzjonijiet kollha tal-impjieg f'konformità mal-paragrafu 1a ta' dan l-Artikolu".

## IX. Konklużjoni

211. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja:

1) Tiċħad fl-intier tiegħu r-rikors ippreżentat mill-Ungerija.

2) Tikkundanna lill-Ungerija għall-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll għal dawk sostnuti mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

3) Tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Gvern Franċiż, Ġermaniż u dak tal-Pajjiżi l-Baxxi għall-ispejjeż rispettivi tagħhom.